# Madonna Ta' Pinu

Sena XXIX Vol XI Nru. 147 Ottubru - Diċembru 2008



## Is-Santwarju

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# *Madonna Ta' Pinu*

Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Sena XXVIII Vol X Nru. 147**
**Ottubru - Diċembru 2008**



**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Maureen Attard, Esther Bajada, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*



**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
***L-Editur,*** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187  Fax: 2156 2350*
*E-mail: theeditor@tapinu.org*



**Abbonament għas-sena 2008:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | **€ 6.00** |
| *Ewropa* | **€14.00** |
| *Barra mill-Ewropa* | **€17.00** |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |




**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** Il-bini tas-Santwarju Ta' Pinu.

***Wara:*** Pubblikazzjoni ġdida dwar l-istorja tas-Santwarju Ta' Pinu.

***Disinni fil-bidu ta' kull artiklu:***
*Dettal ta' l-iskultura* - Wistin Camilleri, u Mużajċi li jinsabu fis-*Santwarju Ta' Pinu*


***Ringrazzjament***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Archivio Foto. Marconi, Bologna, Italja.*

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2008
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## *F'din il-Ħarġa...*


**1** Il-Kelma tar-Rettur *Agħraf, O Nisrani, il-Kobor tiegħek*

**2** Għaliex l-Għożża tal-Lhud lejn it-Tempju

**4** Ir-Rit tad-Dedikazzjoni tal-Knisja

**6** Marija - it-Tempju fl-eżeġeżi ta' San Ambroġ

**8** Is-Santwarju, x'inhu?

**10** Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona

**17** Id-diskors ta' l-inawgurazzjoni tas-Santwarju Ta' Pinu

**23** English Corner *Mary: God's Shrine*

**25** Ħsibijiet Marjani: *Marija: il-Mara Missjunarja*

**26** Sliem Għalik: *Marija, dawl u sbuħija tas-Sema*

**28** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**30** Mela Darba: *Għaliex qed tonġor il-ġebel, ħabib!*

**37** L-Għanja tal-Qaddejja It-3 parti

**39** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**40** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


### *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*

**Taħt il-ħarsa materna tal-Madonna Ta' Pinu npoġġu l-Missjoni Djoċesana li qed issir fid-Djoċesi ta' Għawdex.**




# "Agħraf, o Nisrani, il-Kobor tiegħek"

Għeżież qarrejja, b'din il-ħarġa qed niġu fi tmiem sena li fiha fakkarna l-125 sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu. Sejħa li qatt ma tieqaf, għaliex proprju minn dan is-Santwarju tagħha, il-Verġni Marija għadha u tibqa' ssejħilna bl-istess kelmiet li qalet lil Karmni Grima: "*Ejja... Ejja...!*"

Is-suġġett li fuqu ser nitkellmu f'din il-ħarġa huwa s-SANTWARJU. F'din il-ħarġa ser issibu artikli interessanti dwar it-tifsira tas-Santwarji, b'mod partikulari s-santwarji marjani, li huma għejjun ħajja minn fejn tant popli bl-interċessjoni ta' l-Omm Qaddisa t'Alla jirċievu xita ta' grazzji.

Għaliex il Verġni Mbierka tridna niġu f'dan is-Santwarju tagħha?

- Tridna niġu hawn ħdejha biex tfakkarna li jeħtieġ li nħallu lill-Ispirtu Qaddis ta' Alla jibnina f'tempju ħaj ta' Alla, kif hija l-Verġni Marija.
- Marija Santwarju ħaj ta' Alla, f'ġufha l-Kelma ta' Alla saret laħam, u dan biex niftakar li anke l-Kelma ta' Alla li lilna tiġi mħabbra, jeħtieġ trabbi l-għeruq u tieħu l-ħajja fina.
- Il-Verġni Marija tfakkarna li huwa fis-skiet tas-santwarju li aħna nistgħu niltaqgħu ma' Alla u għalhekk is-santwarji marjani huma skola ta' talb. Kemm hija xi ħaġa sabiħa nitgħallmu noqogħdu fis-skiet u nitkellmu ma' Alla.
- Minn kull santwarju, ta' kuljum jitla' innu ta' tifħir lil Alla; anke x-Xebba ta' Nażaret, għamlet minn ħajjitha "Magnificat" biex aħna wkoll nagħmlu bħalha. Jeħtieġ li ta' kuljum nintebħu bil-ħwejjeġ kbar li Alla jagħmel magħna u nħollu lsienna biex infaħħru lil Alla, għax il ħniena tiegħu tinfirex fuq kull ġenerazzjoni.

**"Agħraf O Nisrani l-Kobor tiegħek"**, huma l-kelmiet li spiss kien iħobb jirripeti l-Papa San Ljun il-Kbir proprju fl-omeliji tiegħu fil-jum tal-Milied. Nistħajjel lil Ommna Marija tirripeti dawn il-kelmiet mill-ġdid u tgħidilna: "*Maħbubin tiegħi, agħrfu d dinjita` tagħkom, ftakru li intom Tempju Ħaj ta' Alla! Tkunux intom stess li tkasbru lil ġisimkom, tħallux li minn fommkom joħroġ kliem ta' żebliħ u tmaqdir. Warrbu d-dagħa u ħollu lsienkom biex tfaħħru lil Alla. Kunu mela qaddisa u bla tebgħa quddiem Alla u ikbru fl-imħabba.*"

Nitlob fuqkom u fuq il-familji tagħkom il-Ħarsa materna ta' l-Omm Qaddisa ta' Alla, biex tkun għalikom Għalliema u Gwida fil-mixja tagħkom lejn is-Santwarju tas-Sema.◆

# Għaliex l-Għożża tal-Lhud lejn it-Tempju



minn Mons. Lawrenz Sciberras

Il-poplu Lhudi kellu bosta għożża lejn dawk l-oġġetti li huwa juża waqt il-liturġija tiegħu. Ta' min isemmi l-menora jew il-gandlier b'seba' friegħi, it-talit, il-filatterji, is-sinagoga, il-kotba mqaddsa, il-meżuża, eċċ. Iżda l-aktar żewġ oġġetti li l-poplu magħżul kellu għożża u għaxqa speċjali lejhom kienu l-arka tal-patt u xejn anqas il-maqdes ta' Ġerusalemm. F'dan l-artiklu ser nipprova nuri fil-qosor għaliex dan il-poplu jkellu daqstant imħabba, qima u għożża lejn il-maqdes waħdieni tiegħu. Il-Koħelet iwissi b'dawn il-kelmiet lill-poplu: "*Qis il-pass li tagħmel inti u tersaq lejn id-dar t'Alla*" (Koh 4,17).

## L-arka tal-patt

Dan l-oġġett sagru kien jikkonsisti f'kaxxa rettangulari magħmula mill-injam tal-gażżi. Din il-kaxxa/arka kienet madwar metru twila, metru u nofs wiesgħa u daqshekk ieħor għolja. Ġo din l-arka kien hemm l-aktar ħwejjeġ għeżież għall-Lhud, mela t-twavel tal-liġi, il-bastun ta' Aron li permezz tiegħu Mosè għamel tant għeġubijiet fl-Eġittu, u bieqja bil-manna. Dejjem minħabba r-rispett din l-arka kienu jerfgħuha l-Leviti, u meta kienet għadha tiġġerra fid-deżert, meta l-Lhud kienu jieqfu u jikkampjaw Mosè kien jgħatti l-arka bit-tinda jew għarix.

Meta s-sultan David rebaħ 'il Ġerusalemm minn idejn il-Filistin madwar is-sena 1000, huwa bena palazz għalih. Darba waħda dan David ġie ħsieb f'moħħu u ħa anke l-parir mingħand il-profeta Natan. Huwa qal: "*Issa jiena qiegħed f'dar taċ-ċedru u l-arka ta' Alla qiegħda f'nofs ta' tinda*" (2 Sam 7,2). Biss dan David kull ma laħaq għamel kien li xtara l-qiegħa minn għand Arawna, il-Ġebusi (2 Sam 24,18) biex hemm huwa jibni dan il-maqdes għall-arka. Biss dan il-ħsieb hekk sabiħ wettqu sa l-aħħar iben David stess, li kien Salamun.

## L-eqdes imkien

Il-binja sħiħa tat-tempju b'dak kollu ta' madwaru bdiet "*fis-sena 480 wara l-ħruġ ta' wlied Iżrael mill-Eġittu, fir-raba' sena tas-saltna ta' Salamun fuq Iżrael*" (1 Slat 6,1). Imma jekk wieħed iwarrab xi ftit għall-ġenb id-data tal-ħruġ mill-Eġittu, is-sena l-aktar probabbli hija 936 qabel Kristu. Il-Lhud damu madwar għoxrin sena biex temmew dan l-ewwel tempju ta' Ġerusalemm.

Il-pjanta ta' dan it-tempju kienet waħda rettangulari. It-tul kien madwar 30 metru, il-wisa' 20 metru u l-għoli madwar 15-il metru. Il-maqdes kellu tliet taqsimiet. L-**ULAM**, jew il-bitħa ta' ġewwa, (1 Slat 6,36), il-**HEKAL** jew il-post il-qaddis (1 Slat 6,19-28), u d-**DEBIR** jew is-santwarju (1 Slat 6,33-35). Kelma oħra għal dan l-imkien hija l-Qaddis tal-Qaddisin. Quddiem il-portiku tas-Santwarju kien hemm weqfin żewġ kolonni, Ġakin u Bogħaż.

## Tagħrif dwar kull taqsima

X'kien hemm u x'kien isir f'kull taqsima hawn fuq imsemmija tat-tempju? Nibdew mill-bitħa li kienet miftuħa. F'nofs din il-bitħa kien hemm artal għoli li fuqu ta' kuljum *tamid* isiru s-sagrifiċċji (1 Slat 8,64; 2 Kron 4,1). Tal-anqas kienu jsiru tnejn kuljum, wieħed hekk kif jibda jbexbex fil-għodu, u s-sagrifiċċju l-ieħor fil-għaxija. L-annimal kien bil-fors il-ħaruf. Bejn dawn iż-żewġ debħiet il-pellegrini li jmorru fit-tempju setgħu joffru l-vittmi tagħhom. Jista' jkun sagrifiċċju olokawst, sagrifiċċju espjatorju, jew sagrifiċċju ta' ringrazzjament jew dak tal-ħxejjex.

Il-parti msejħa l-Ħekal, il-post qaddis, u li dan issa kien magħluq, kien hemm ġo fiha tliet oġġetti ta' għożża u importanza l-aktar kbira. Dawn kienu (a) iż-żewġ imnariet dejjem jixegħlu (1 Slat 7,49), (b) mejda bi tnax-il ħobża tal-preżenza (1 Slat 48). Dan il-ħobż kien jitbiddel lejlet is-Sibt u jikluh il-qassisin. Kull ħobża kienet tirrappreżenta tribù. Mela hekk simbolikament it-tnax-il tribù kienu dejjem quddiem il-preżenza t'Alla. (c) L-artal ta' l-inċens ( 1 Slat 7,48). Kien hawn ġew il-qassis Żakkarija meta deherlu l-anġlu tal-Mulej u ħabbarlu t-twelid ta' ibnu Ġwanni (Lq 1,11). Dan l-artal kien ta' l-injam taċ-ċedru miksi bid-deheb. F'din it-tieni taqsima setgħu jidħlu biss il-qassisin u l-Leviti.

Il-parti msejħa d-Debir jew is-santwarju kienet għorfa żgħira mudlama u mingħajr ebda tieqa. Hemm ġew kien hemm l-arka tal-patt. Darba fis-sena biss, fil-festa tal-Yom Kippur, il-qassis il-kbir jidħol hemm ġew bid-demm tal-annimal u jroxx fuq l-arka, u wara kollu biża' qaddis u ta' rispett huwa jippronunzja l-isem t'Alla. Din l-arka bi probabbiltà l-aktar kbira damet hemm sa żmien l-assedju ta' Babilonja, mela s-sena 587, għaliex imbagħad tfarrket għal kollox. Hemm min iżomm verżjoni oħra, jiġifieri li din għada teżisti. Raġunament imġebbed ħafna.

Bejn il-Ħekal u d-Debir kien hemm imdendla l-famuża purtiera li kienu jinsġuha x-xebbiet ġejjin mit-tribù ta' Ġuda. Din il-purtiera kienet tinbidel waħda fis-sena, lejlet il-festa tal-Espjazzjoni jew Yom Kippur. Dwar din jitkellem sew il-ktieb tal-Kronaki: "*Agħmel imbagħad il-purtiera tal-porpra vjola, porpra ħamra u kremżi tal-għażel, u rrakkma fuqha l-kerubini*" (2 Kron 3,14). Jista' jkun li fi żmien it-tempju ta' Salamun din il-purtiera ma kenitx hemm. Iżda fil-mewt ta' Ġesu` din l-istess purtiera ċċartet minn fuq sa isfel u bosta rġiel li kienu fit-tempju jlestu l-ħaruf għall-ikla tal-Għid tagħhom raw dan l-għaġeb straordinarju. It-tliet evanġelisti Sinottiċi jiktbu din il-ġrajja.

## Għaliex daqshekk għażiż

Sa issa tkellimna dwar il-pjanta u ħwejjeġ oħra li jsiru u huma marbutin madwar it-tempju. Imma tibqa' d-domanda ċentrali u dominanti. Għaliex il-poplu Lhudi kien daqshekk marbut ma' dan l-imkien biss u waħdu? Għaliex għalihom hawnhekk biss huma setgħu jqimu lil Alla? L-istess mara Samaritana hekk ukoll ikkonfermatlu lil Ġesù: "*Missirijietna kienu jaduraw lil Alla fuq din il-muntanja (Garizim); imma intom tgħidu li l-post fejn wieħed għandu jadura lil Alla jinsab f'Ġerusalemm (fit-tempju)*" (Ġw 4,20).

Meta Salamun lesta t-tempju u żejnu b'metall prezzjuż u għamajjar oħra li diġà kien ħejjihom missieru David, imbagħad ġabar it-taqsimiet kollha ta' Iżrael biex jieħdu sehem fil-festa tad-Dedikazzjoni tat-tempju. F'dik il-festa Salamun daħħal l-arka tal-patt fil-post imħejji għaliha. Hekk kif il-qassisin ħarġu mis-santwarju niżlet sħaba u mliet it-tempju **(XEKINÀ): "Għax il-glorja tal-Mulej kienet imliet it-tempju tal-Mulej" (1 Slat 8,11).**

Għalhekk minn din il-ġrajja tas-sema 'l quddiem, il-maqdes ta' Ġerusalemm sar għal-Lhud l-aktar post qaddis u għażiż fid-dinja kollha; il-post fejn Alla beda jgħammar fosthom il-bnedmin. Quddiem dan l-għaġeb Salamun ħareġ b'dik l-espressjoni tant minnha. "*Imma, tgħid tassew li Alla se jibqa' jgħix fuq l-art? Ara! Lanqas biss is-smewwiet u s-smewwiet tas-smewwiet ma jesgħuk, aħseb u ara dan id-daqsxejn ta' tempju li bnejtlek jien!*" (1 Slat 8,27). Kienet ġrajja għażiża li ma ntesiet qatt aktar. Ġrajja li għamlet il-maqdes ta' Ġerusalemm l-egħżeż post għalihom fid-dinja kollha. Xhieda ta' dan hija l-prova tal-ħajt qaddis fejn il-Lhud b'għożża kbira jmorru jitolbu.♦

# Ir-Rit tad-Dedikazzjoni tal-Knisja

minn Patri Anton Farrugia, ofm



Fil-ħsieb tar-reliġjonijiet kollha, kull post fejn il-bniedem jiltaqa' ma' Alla hu mkien qaddis u għaldaqstant għandu jiġi kkonsagrat lill-Mulej. Fid-dinja pagana, bliet sħaħ kienu jiġu ddedikati lill-allat. Jekk inqallbu l-paġni ta' l-Iskrittura mqaddsa, fir-Rabta l-Qadima nsibu diversi eżempji, fosthom id-dedikazzjoni tat-tempju ta' Ġerusalemm immexxija minn Salamun u rrakkuntata bid-dettalji kollha fl-ewwel ktieb tas-Slaten.[1]

Wara l-eżilju ta' Babel, il-Lhud reġgħu bnew it-tempju li kien iġġarraf u fil-ktieb ta' Esdra nsibu r-rakkont ta' x'kien seħħ dakinhar tad-dedikazzjoni.[2] Barra minn dan, il-poplu Lhudi kien jiċċelebra ta' kull sena l-anniversarju u d-dedikazzjoni ta' l-altar tas-sagrifiċċju mwaqqaf minn Ġuda l-Makkabew[3] fil-festa hekk imsejħa ta' *Ħanukkah.*

L-ewlenin Insara wkoll ħassew il-ħtieġa li l-post tal-laqgħa tal-ġemgħa jkun ikkonsagrat lil Alla. Ewsebju ta' Ċesarija jiddeskrivi l-festi kbar li saru f'Tir u f'Ġerusalemm fid-dedikazzjoni tal-knejjes il-ġodda li nbnew wara l-paċi ta' Kostantinu.

Bil-mod il-mod daħlet id-drawwa li l-altari jinbnew fuq l-oqbra tal-Martri. Dan wassal biex fir-rit tad-dedikazzjoni tal-knisja tieħu importanza kbira t-translazzjoni tal-fdalijiet tal-Martri għall-knisja li tkun se tiġi ddedikata.

Fis-seklu 8 ir-rit tad-dedikazzjoni tal-knisja kellu żvilupp kbir. Il-karatteristiċi prinċipali ta' dan ir-rit kienu:

- it-tħejjija ta' l-ilma mbierek għat-tberik ta' l-altar u tal-knisja;
- id-dedikazzjoni ta' l-altar;
- it-tberik tat-tvalji u tat-tagħmir ta' l-altar;
- it-translazzjoni tar-relikwi u t-tqegħid tagħhom;
- it-tħejjija ta' l-altar għall-Quddiesa.

Nistgħu ngħidu li fuq il-qafas ta' dan ir-rit inbena r-rit tad-dedikazzjoni tal-knisja li baqa' jintuża sar-riforma liturġika mitluba mill-Konċilju Vatikan II.

Iċ-ċelebrazzjoni tad-dedikazzjoni tal-knisja hija magħquda maċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija li titmexxa mill-Isqof djoċesan flimkien mal-presbiteri li f'idejhom tkun ġiet fdata l-ħidma pastorali ta' dik il-knisja partikulari. Madankollu jixraq li tkun iċċelebrata anke l-Liturġija tas-Sigħat li tibda bl-Ewwel Għasar lejlet il-jum tad-dedikazzjoni filgħaxija. Tajjeb ukoll li fejn tinżamm it-tradizzjoni li taħt l-altar - mhux aktar fuq il-wiċċ tiegħu - jitqiegħdu xi għadam tal-Qaddisin, isir l-Uffiċċju tal-Qari.

Dan jista' jsir f'xi knisja oħra viċin jew f'xi post ieħor adattat fejn ir-Relikwi jitqiegħdu għall-qima biex imbagħad jinġiebu proċessjonalment għall-knisja li tkun se tiġi ddedikata. Din hi drawwa antika ħafna fil-Knisja. Nafu li lejlet id-dedikazzjoni tal-bażilika ta' Santa Sofija, fl-24 ta' Diċembru 562, saret velja ta' talb fil-knisja ta' San Platone u meta fis-7 ta' Mejju 485 ġie ddedikat il-monasteru ta' San Ewtimju, l-Isqof ta' Ġerusalemm mexxa vġili solenni tul il-lejl ta' qabel ħdejn ir-Relikwi tal-Qaddisin.

Il-bieb tal-knisja jkun magħluq. Meta tasal il-purċissjoni bir-Relikwi tal-Qaddisin, kulħadd jieqaf ħdejn il-bieb ta' barra. Dawk li jkunu ħadu ħsieb il-bini tal-knisja jgħaddu ċ-ċwievet f'idejn l-Isqof li min-naħa tiegħu jistieden lis-saċerdot inkarigat mill-knisja l-ġdida biex jiftaħ il-bibien tagħha u kulħadd jidħol ġewwa. Filwaqt li kulħadd jieħu postu fil-knisja, r-Relikwi jitqiegħdu fil-post imħejji għalihom imdawrin bix-xemgħat u l-fjuri. Imbagħad l-Isqof minn fuq is-sedja jbierek l-ilma b'tifkira tal-Magħmudija u jroxxu fuq il-kleru, il-poplu, il-ħitan u l-altar tal-knisja l-ġdida. Il-kant tal-*Glorja* u l-*Kolletta* jġibu fi tmiemhom ir-riti tal-bidu u jintroduċu l-Liturġija tal-Kelma. Interessanti li qabel il-qari, l-Isqof jirċievi minn xi ħadd mil-Letturi, il-Lezzjonarju u filwaqt li jurih lill-poplu jgħid b'leħen għoli: *"Ħa jidwi dejjem f'dan il-post."* Wara l-omelija, issir l-istqarrija tal-fidi u minflok it-talba tal-fidili, titkanta l-Litanija tal-Qaddisin. L-Isqof jikkonkludi l-litanija b'talba u mbagħad iqiegħed ir-relikwi tal-Qaddisin fil-qabar li jkun tħejja apposta taħt l-artal.

Wara l-Isqof ikanta jew jgħid it-talba ta' konsagrazzjoni u jidlek il-wiċċ ta' l-altar u l-ħitan tal-knisja biż-Żejt imqaddes tal-Griżma. Għad-dlik tal-ħitan tal-knisja, l-Isqof jista' jqabbad jgħinuh lil xi presbiteri. Filwaqt li hija ħaġa ta' min ifaħħarha jekk il-wiċċ ta' l-altar jiġi midluk kollu, fuq il-ħitan tal-knisja, biżżejjed li jsiru tnax-il salib (xbieha ta' l-Appostli) jew ta' l-inqas erbgħa (xbieha ta' l-Evanġelisti).

Hekk kif jintemm id-dlik biż-Żejt, l-Isqof iqabbad l-inċens u wara li jinċensa l-altar, xi ministri jinċensaw lilu u lill-poplu, kif ukoll il-ħitan tal-knisja. Wara dan, l-altar jintmesaħ miż-Żejt, jitlibbes bit-trieħi, jiżżejjen bil-fjuri u jinxtegħlu x-xemgħat għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. L-Isqof jagħmel dan billi jnewwel lid-djaknu xemgħa mixgħula filwaqt li jgħid: *"Ħa jiddi fil-knisja d-dawl ta' Kristu."* Sadanittant il-knisja kollha tiġi mdawla bħala sinjal ta' festa. Meta kollox ikun imħejji għaċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, l-Isqof jersaq lejn l-altar u jbusu għall-ewwel darba. Hekk tkun tista' tkompli t-tieni parti tal-Quddiesa.

Wara t-Tqarbin, l-ostji kkonsagrati li jibqgħu żejda jinġabru bil-qima f'pissidi li jitqiegħed fin-nofs ta' l-altar. L-Isqof jinċensah u minn fuq l-altar iġorru f'purċissjoni lejn il-kappella li tkun ġiet imħejjija apposta biex tinżamm fiha l-Ewkaristija għat-tqarbin tal-morda u l-adorazzjoni. Hekk tintemm iċ-ċelebrazzjoni tal-konsagrazzjoni tal-knisja li tibqa' tiġi mfakkra ta' kull sena.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-konsagrazzjoni tal-knisja hija festa kbira u sabiħa, imma aktar milli festa tal-knisja tal-ġebel hija festa tal-komunita' Nisranija li bil-ħajja tagħha tinbena f'tempju ħaj; aħna lkoll li fil-Magħmudija ġejna mraxxin bl-ilma u fil-Griżma midluka biż-Żejt imqaddes.

Jgħid San Ċesarju: *"Il-veru tempju ħaj ta' Alla huwa kull wieħed minna. Alla ma jgħammarx biss fi djar maħduma bl-idejn, lanqas fid-djar ta' l-injam jew tal-ġebel, imma jgħammar l-aktar fir-ruħ maħluqa xbieha tiegħu. Għaldaqstant jekk irridu niċċelebraw bil-ferħ it-twelid ta' din il-knisja, m'għandniex neqirdu fina, bl-għemejjel ħżiena tagħna, it-tempju ħaj ta' Alla. U ngħid dan b'mod li jifhimni kulħadd: kull darba li niġu l-knisja għandna nfittxu li jkollna ruħna hekk nadifa u mdawla kif nixtiequ li nsibu l-knisja. Trid issib il-knisja nadifa? Tħammiġx ruħek bit-tbajja' tad-dnub. Jekk trid li l-knisja tkun imdawla, Alla jrid li ruħek ma tkunx imdallma, imma, kif hu stess jgħid, ħa jiddi fina d-dawl ta' l-għemejjel tajba biex ikollu glorja dak li hu fis-smewwiet."*♦

**Riferenzi**

1 Ara I Slaten 8, 1-66.

2 Ara Esdra 6, 15-18.

3 Ara 1 Makkabin 4, 36-59.



# Marija - it-Tempju fl-eżeġeżi ta' San Ambroġ

## *Tipoloġija Marjoloġika tal-Knisja*

*mill-Arċ. Carmelo Refalo*

Dak li nsibu miktub fl-awtur tal-*Ħajja tal-Verġni Mbierka* attribwita lill-manuskritti ta' San Massimo l-Konfessur, jindika r-rabta tipoloġika ta' Marija u l-Knisja.

*"Jekk diversi kummentaturi fehmu li l-kelmiet jirreferu għall-Knisja, dan ma juri l-ebda diffikulta` jew kuntrast. Tassew il-Verġni Mbierka Omm t'Alla... hi xbieha tal-Knisja."*[1]

Li Marija hi '*Typus*' tat-Tempju u tal-Knisja jidher b'mod providenzjali fl-istorja u l-kronoloġija minħabba li t-twelid tal-Verġni Mbierka seħħ preċiżament fl-istess sena meta s-Sultan Erodi beda jibni t-Tempju ta' Ġerusalemm. Hemm rabta storika u profetika bejn il-bini tat-Tempju ta' Ġerusalemm u l-bini fiżiku tal-arka l-ġdida jew aħjar it-Tempju fiżiku li għadda lil Alla l-ħaj.

Interessanti li naraw x'kien qed jiġri f'Ġerusalemm fis-sena li fiha l-istudjużi jikkonkludu t-twelid tal-Verġni Mbierka. Fis-sena 20 Ġerusalemm qed tassisti għal avveniment mill-aqwa - il-bini tat-Tempju ta' Ġerusalemm li għalih is-Sultan Erodi qabbad 11,000 ħaddiem bil-ħsieb li jibni monument meraviljuż. Waqt li l-istorja titkellem dwar din il-ġrajja, tiskot u ma tgħid xejn dwar Tempju ieħor li qed jinbena fis-silenzju, fil-punent tal-ħitan tal-belt ta' Ġerusalemm b'distanza ta' inqas minn 100 metru bogħod mit-Tempju. Fid-dar ta' Ġwakkin u Anna, biswit l-għadira probatika qed titwieled tarbija li jisimha Marija, '*Typus*' tat-Tempju u tal-Knisja. It-Tempju li bena Erodi, b'kobor ta' 1,400 metru kwadru u b'sengħa ta' sbuħija, jiġi mogħti n-nar fl-assedju ta' Ġerusalemm, filwaqt li t-Tempju li Alla sawwar fit-tfajla ta' Nażaret ma jara qatt it-taħsir jew il-qerda tad-dnub u tal-mewt.

It-tagħlim fuq din id-duttrina ġie studjat u analizzat ħafna minn San Ambroġ. San Ambroġ jara f'Marija '*Typus Ecclesiae*'. Din it-tipoloġija ta' Marija u l-Knisja tindika Misteru Verġinali tal-maternita`, il-maternita` ta' Marija u tal-Knisja, li t-tnejn jixirqilhom it-terminu "għarusa".

### *a) Il-Knisja u Marija t-tnejn "ommijiet"*

Mara ssir omm meta tiled tarbija jew aktar; Marija hi verament Omm għax tat lid-dinja lil Ġesu` l-Iben t'Alla. Dwar dan kemm Santu Wistin u kemm San Ambroġ ma għandhom l-ebda inċertezza. Anke l-Knisja hija Omm, Omm ta' Ġesu`, għax permezz tas-sagramenti tiled għall-ħajja tal-grazzja l-membri tagħha.

*"Kif il-kelma bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tiled l-insara, hekk bil-qawwa tal-istess Spirtu s-Santu Marija tnissel u jkollha iben..."*[2]

## b) Maternita` Verġinali: Omm u Verġni

Fil-letteratura Patristika, it-tema tal-maternita` ta' Marija hi marbuta strettament ma' dik tal-Verġinita` tagħha.

*"Marija Verġni, li hija 'Typus Ecclesia', hi Immakulata u bla tebgħa. Nisslet bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u hekk ġiet imħarsa l-Verġinita` tagħha; hekk il-Knisja hi mingħajr tebgħa, sabiħa, pura."*[3]

Biex jagħti risposta lil dawk li kienu jiċħdu l-verita` tal-konċepiment verġinali ta' Ġesu`, l-Isqof ta' Milan jgħid li mhux biss qed jitkellem fuq verita`, imma ukoll fuq figura, għaliex it-twelid verġinali ta' Kristu minn Marija hu xbieha u prefigurazzjoni tat-twelid spiritwali ta' dawk kollha li jemmnu fi ħdan il-Knisja. Il-katekumeni jersqu għall-magħmudija fil-fonti batteżimali fejn ukoll jidher fihom l-intervent tal-Ispirtu s-Santu.

## c) Għarusa

San Ambroġ isostni li l-element tipoloġiku li jagħmel minn Marija xbieha jew ikona tal-Knisja hu wieħed perfett. Marija hi għarusa lil raġel, b'riferiment għal kull Knisja lokali - l-għarusa ta' l-Isqof li hu bniedem bħal oħrajn. Ma' din il-Knisja l-Isqof għandu jkun viżibbilment marbut. Hekk kif Marija toħroġ tqila mhux minn Ġużeppi imma bl-opra tal-Ispirtu s-Santu, bl-istess mod il-Knejjes partikulari ma jagħtux frott mill-Isqof tal-post imma bl-Ispirtu s-Santu li jopra permezz tar-Rgħajja spiritwali. Dan jurih ċar waqt diskors eżeġetiku f'kummentarju għall-Vanġelu ta' San Luqa 1: 26[4].

Għal San Ambroġ dan ix-xebh tat-Tempju u Marija qatt ma jħalli li l-eżeġeżi tieqaf fuq il-figura ta' Marija, imma meta jintebaħ li xi wħud qed jesaġeraw billi jpoġġu lil Marija fiċ-ċentru, hu jagħti l-importanza ta' Ekklezjoloġija Kristoċentrika: *"Marija m'hix Alla tat-Tempju imma t-Tempju ta' Alla"*.♦



***Riferenzi***

1 *Testi Mariani del Primo Millennio* (TMAM) a cura di G. Gharib, E. Toniolo, L. Gambero, G. di Nicola, Vol II, Citta` Nuova: Roma 1989.
2 S. Ambrogio, *In Lucam* 3, 38: SCH 45, 41.
3 S. Ambrogio, *De Mysteriis* 59: SCH 25, 92.
4 S. Ambrogio, *In Lucam* 3, 38: SCH 45, 141.

# Is-Santwarju, x'inhu?

minn d. Gerard Buhagiar



## Daħla

Jekk il-pellegrinaġġ għan-nisrani huwa mezz biex permezz tiegħu huwa jiftakar li **ĦAJTU kollha hija Pellegrinaġġ lejn is-Sema**, l-istess ħaġa nistgħu ngħidu għas-Santwarju. Is-santwarji kollha li hawn imxerrda f'kull rokna tad-dinja, huma postijiet qaddisa li fihom in-nisrani jduq xi ftit mill-benna tas-SANTWARJU tas-SEMA. Is-Santwarju huwa antiċipazzjoni tal-Ġenna.

Filfatt il-paragrafu 1234 tad-Drittu Kanoniku jgħid hekk dwar is-santwarji: "*Fis-santwarji jiġu offruti lill-fidili b'mod l-aktar abbundanti l-mezzi tas-salvazzjoni, tiġi mxandra bil-qima kollha l-Kelma ta' Alla, jiffavorixxu s-sehem fil-ħajja liturġika, b'mod speċjali fl-Ewkaristija u fiċ-ċelebrazjoni tal-Penitenza, kif ukoll jgħinu biex iħarsu l-forom approvati tad-devozzjoni popolari*".

Mela s-santwarju huwa l-post fejn il-bniedem jiltaqa' ma' Alla, huwa d-dar ta' Alla kif naqraw f'diversi Salmi.[1] Alla għażel dawn il-postijiet u qaddishom bil-preżenza tiegħu u minnhom ikompli jixħet kull xorta ta' barka spiritwali fuq uliedu u fl-istess ħin jgħinhom fil-mixja tal-qdusija biex dejjem aktar "*ikunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba*"[2]

## 1. Kristu: is-SANTWARJU "per eccellenza"

Skond it-Teoloġija Kristjana, Kristu Rxoxt huwa s-**Santwarju "pereccellenza"**. Fil-Vanġelu ta' San Luqa hemm ġrajja importanti, dik ta' meta Marija u Ġużeppi jmorru jippreżentaw lil Ġesu' fit-Tempju (Lq 2, 21-46). F'din il-ġrajja nsibu t-Tempju ta' Ġerusalemm, il-binja li fiha jgħammar Alla. Fih insibu t-*Torah*, il-Kelma ta'Alla; u f'dan jiġu mħabbra l-profeziji.

Aħna nafu li dawn il-profeziji kollha seħħew fi Kristu. Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj, il-Kelma ta' Alla li saret bniedem, issa jiġi mdaħħal fit-tempju biex jieħu post l-istess tempju. Il-bniedem jiltaqa' ma' Alla fi Kristu u mhux aktar fit-tempju tal-ġebel, magħmul minn idejn il-bniedem. Alla jsalva lill-bniedem permezz ta' Ibnu stess li jġib l-isem ta' **Ġesu'**, jiġifieri dak li "*jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom*"[3].

Il-Verġni Marija, li għal disa' xhur sħaħ f'ġufha ġarret lill-Iben t'Alla, u kienet tempju ħaj ta' Alla, issa tidħol fit-tempju u hemm toffrih lil Alla. Kristu jidħol fit-tempju u ma joħroġx minnu għaliex huwa t-Tempju Veru ta' Alla. Permezz tiegħu Alla ħabbeb mill-ġdid miegħu

lill-bniedem. Filfatt wara dan l-episodju tal-Preżentazzjoni ta' Ġesu` fit-tempju, San Luqa jagħtina l-ġrajja ta' meta Marija u Ġużeppi jitilfu lil Ġesu`; u fejn isibuh? Fit-tempju jgħallem, u lil ommu Marija jgħidilha: *"Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?"*[4].

L-istess ħaġa dwar Ġesu` bħala Tempju ħaj ta' Alla nsibuha fl-Evanġelista Gwanni, meta Ġesu` jidħol fit-Tempju ta' Ġerusalemm u jaqleb l-imwejjed tal-bejjiegħa. Hawn jistqarr: *"Ħottu dan it-tempju u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu"*, tant li Ġwanni jikteb: *"Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu"*.[5]

Mela Kristu huwa t-Tempju "pereccellenza" li bih u fih il-bniedem jiltaqa' verament ma' Alla.

## 2. Il-Kristjan huwa tempju ta' Alla

Madwar dan it-tempju, Ġesu`, tinġabar il-komunita` tad-dixxipli, ta' dawk li jemmnu, u hekk il-Knisja ssir id-dar ta' Alla. San Pietru fit-tieni ittra jistedinna biex ninbnew fi Kristu: *"Ersqu mela, lejh,* ***li hu dik il-ġebla ħajja*** *magħżula minn Alla bħala ġebla għażiża.* ***U intom*** *ukoll,* ***bħal ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali****, saċerdozju qaddis, biex toffru sagrifiċċji spiritwali li jogħġbu* ***'l Alla permezz ta' Ġesu` Kristu****"*[6]. L-istess jagħmel Pawlu fl-ittra lill-Efesin: *"Fih,* (fi Kristu) *il-bini kollu jintrabat sewwa,* ***jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej; fih, intom*** *ukoll fl-Ispirtu tinbnew* ***flimkien f'dar fejn jgħammar Alla****"*[7].

Mela teologikament nistgħu ngħidu li n-nisrani ma għandux bżonn ta' tempju tal-ġebel biex jitlob u jiltaqa' ma' Alla għaliex kif qal Ġesu` lis-Samaritana: *"Emminni, mara: jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja taduraw lill-Missier, anqas f'Ġerusalemm... Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verita`. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh. Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verita`."*[8]

Nistħajjilkom tistaqsu: Mela għalfejn bnejna l-knejjes u s-Santwarji tagħna? Fl-ewwel żminijiet tal-fidi Nisranija l-ewwel komunitajiet insara kienu jiltaqgħu fid-djar, għand familji diversi minn ġimgħa għall-oħra. Għad għandna fdalijiet ta' dawn il-postijiet u li kien ingħatalhom l-isem ta' "*Domus Ecclesia*".[9] Maż-żmien in-numru ta' dawk li jemmnu beda jikber u ma kienx biżżejjed l-ispazju ta' dar biex fiha tinġabar il-komunita ta' dawk li jemmnu u bħal familja waħda jagħmlu t-talb tagħhom.

Il-bini tal-Knejjes, Bażiliċi u Santwarji, ma jfissirx li fihom biss in-nisrani jista' jitlob u jfaħħar lil Alla, iżda jeħtieġ naraw fihom il-valur simboliku. It-tempju ħaj ta' Alla jibqgħu dejjem l-imgħammdin fi Kristu li bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu saru parti mill-ġisem mistiku ta' Kristu u minħabba f'hekk ġew midluka biż-żejt qaddis.

(Ikompli f'paġna 14)



# Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona fis-Santwarju ta' Pinu

*mir-restawratur Godwin Cutajar*

## Storja u Teknika:


*Rit. 1*

Il-pittura *Tħabbira ta' Marija* (daqs tat-tilar 248 X 156cm kwadri, rit. 1) ta' Emvin Cremona hi magħmula fuq it-tila b'żebgħa li probabbli għandha ż-żejt bħala legant. It-tila hi t'għamla industrijali, bi preparazzjoni bajda u fina ħafna. F'ħafna partijiet l-istrati tal-preparazzjoni u ż-żebgħa huma tant irqaq li n-nisġa tat-tila tidher fuq il-pittura. Dan għaliex il-konsistenza taż-żebgħa hi fil-parti l-kbira ta' velaturi opaki, kultant trasparenti u xi drabi konsistenza eħxen ta' "impasto". Ir-raġġi ta' l-Ispirtu s-Santu kif ukoll xi sħab fl-isfond huma mpittra bil-porporina u wkoll b'żebgħa mħallta mal-porporina. Fil-kantuniera t'isfel tal-lemin hemm xi dokumentazzjoni:

- il-firma ta' l-artist u s-sena li fiha saret il-pittura "*CREMONA 60*", kollox miktub f'għamla vertikali (rit. 2) u
- isem il-benefattur "*FRANCISCVS MERCIECA DONAVIT MCMLX*" (rit. 3) miktuba orizzontali.

Taħt is-sħab bil-porporina "*Cremona*" jidher li l-ewwel għamel strat ħafif ta' żebgħa kannella bħala preparazzjoni ta' żebgħa.

Waqt ix-xogħol, fuq iż-żebgħa niexfa, l-artist għamel taħżiż bil-lapes biex jgħinu fid-disinn tar-raġġi ta' l-Ispirtu s-Santu (rit. 4), għall-ġabra tal-ward u għall-firma tiegħu (rit. 2). Cremona mbagħad ma mexiex eżatt mal-ħażż tal-lapes, u wkoll ħalla dan il-ħażż jidher fuq il-pittura lesta.

F'xi partijiet Cremona biddel dak li kien pitter qabel (pentimenti):



*Rit. 2*



*Rit. 3*


*Rit. 4*



GRAZZI LIL BANK OF VALLETTA LI QED JIFFINANZJA

- id-dijadema ta' l-anġlu kienet sa tkun iżgħar, imbagħad l-artist kabbarha (rit. 5)
- xi siġar fix-xefaq li mbagħad l-artist għatta l-parti tagħhom ta' fuq
- xagħar Marija li fil-bidu kien sa jkun iqsar
- in-naħa t'isfel tal-komma t'id il-leminija ta' Marija jidher li l-artist biddilha iktar minn darba qabel ħalliha kif narawha llum
- il-perimetru t'isfel tal-libsa tal-Madonna
- ġewnaħ tax-xellug ta' l-anġlu fejn ir-rix ta' fuq nett kien sa jkun itwal 'il fuq.

Fil-paġna tal-lemin tal-ktieb hemm xi ħażż żgħir bil-lapes li jidher barra minn loku. X'aktarx li ma sarx mill-artist, u mhux ħafif li wieħed ikun jaf min għamlu, għaliex jew meta sar.

Maż-żebgħa tal-pittura nsibu xagħar li wisq probabbli ħareġ mill-pinzell waqt li l-artist ikun ipitter jew inkella jħallat iż-żebgħa fuq il-paletta. F'din il-pittura hemm erba' daqsijiet ta' xagħar (0.4cm, 0.5cm, 1.3cm u 4.0cm).

Fl-imgħoddi l-pittura kienet ġiet miġbuda u miżmuma bil-"pins" fuq tilar ta' l-injam li għandu żewġ traversi orizzontali għas-saħħa u ġonot fissi, u hekk waslet sa żmienna. Mill-bqija ma jidhirx li kellha xi nterventi ta' konservazzjoni u restawr qabel dan preżenti.


*Rit. 9*

## Stat ta' Konservazzjoni:

It-tensjoni u l-elastiċita` tat-tila għadhom tajbin u xi deformazzjonijiet superfiċjali li fiha ma tantx jagħtu fil-għajn; fiha xi taqtigħ żgħir, toqob u ksur.

Hemm nuqqas ta' qbid bejn saffi taż-żebgħa fil-kisra tal-ġewnaħ tal-lemin ta' l-anġlu (rit. 6), mal-perimetru tas-sħaba fuq il-ġabra tal-weraq kif ukoll kull fejn hemm il-porporina (rit. 7). Hemm ukoll qsim ta' l-inxif taż-żebgħa ("drying


Rit. 5


*Rit. 6*


*Rit. 7*


Rit. 8

craquelure") fil-ġabra tal-weraq l-aħmar (rit. 8), mal-paraventu, fl-ikħal u l-aħdar skur ġol-paraventu, kif ukoll ma' roqgħa vjola mar-raġġiera ta' l-Ispirtu s-Santu. Xi rqajja' ta' żebgħa waqgħu minn ma' l-istrat preparatorju (dan l-iktar fis-sħab tal-porporina ħdejn ras u għonq l-anġlu), irqajja oħra ta' żebgħa waqgħu bl-istrat preparatorju b'kollox (rit.5).

Fil-parti ta' fuq tal-lemin tal-pittura hemm il-preparazzjoni u t-tila mtebbgħin (rit. 1), in-nuqqas ta' żebgħa u preparazzjoni huma kotrana, u hawn it-tila hija kemxejn strutturalment dgħajfa u dan kollu jindika li fl-imgħoddi din il-parti kienet ixxarbet.

Xi kisriet irqaq fiż-żebgħa tul id-daqs il-qasir juru li fl-imgħoddi l-pittura setgħet kienet miżmuma mrambla. Xi kisriet fit-tila u l-materja pittorika t-tul kollu tad-daqs il-qasir jindikaw li l-pittura setgħet ukoll kienet mitwija; tliet kisriet huma ċari u għalhekk jista' jkun li l-pittura kienet mitwija f'erbgħa; kisra oħra li għal 3 ċentimetri ma tasalx sat-tarf tista' turi li l-pittura kienet mitwija f'ħamsa.

Madankollu l-pittura m'hix fi stat ħażin ta' konservazzjoni għax dawn id-danni msemmija m'humiex estensivi. Kollox ma' kollox is-saffi tal-pittura (żebgħa u preparazzjoni) għadhom imqabbda tajjeb flhom infushom, flimkien u mat-tila. It-tila għadha tiflaħ iġġorr il-materja pittorika. Il-pittura għandha xi trab ħafif fuq quddiem u fuq wara, u ħmieġ ieħor li nġabar fuqha maż-żmien.

L-istat ta' konservazzjoni tat-tilar kien tajjeb, iżda l-għamla liegħu ma kenitx sħiħa biżżejjed biex iġġorr pittura ta' dan id-daqs.

## Konservazzjoni u Restawr:

Il-pittura ġiet imneħħija minn fuq it-tilar u n-naħa ta' wara tal-pittura ġiet imfarfra b'pinzell. Billi l-integrita` strutturali tal-pittura għadha mhux ħażin u xi deformazzjonijiet superfiċjali ma tantx jagħtu fil-għajn, allura l-interventi ta' konservazzjoni strutturali meħtieġa setgħu isiru b'mod lokalizzat. Partijiet dgħajfa fit-tila bħal ksur, toqob jew taqtigħ żgħir ġew imsaħħa b'konsolidant termoplastiku u fejn meħtieġ b'tila fina ħafna għal iktar saħħa. Il-perimetru ta' l-irqajja' nieqsa (żebgħa u preparazzjoni) fil-parti tal-lemin ta' fuq tal-pittura ġew ukoll imsaħħa b'konsolidant termoplastiku ħalli ma tibqax tintilef materja pittorika.

Il-pittura mbagħad ġiet miġbuda fuq tilar ta' l-injam ġdid li għandu ġonot bil-kavilji u sħiħ biżżejjed biex iġorr il-pittura. Għalkemm in-naħa ta' fuq tal-pittura hi fit-tond (bin-naħa ta' fuq nett m'hix impittra), it-tilar sar f'għamla rettangolari ħalli ma tinħebiex it-tila żejda li hi materja oriġinali u wkoll għax l-artist hekk ħalliha.

Wara li saru l-provi tat-tindif, in-naħa l-impittra ġiet imnaddfa b'sistema mekkanika u kimika. Il-ħażż tal-lapes ta' l-artist tħalla għax hu parti mill-materja oriġinali u wkoll għax anqas jagħti ħafna fil-għajn, waqt li t-tħarbix illeġibli fuq il-ktieb tnaddaf b'mod li jidher ftit inqas. It-tila mtebbgħa fir-rokna tal-lemin ta' fuq ma kienx ħafif li titnaddaf.

F'din il-pittura t-trattament taż-żebgħa n-nieqsa ("*lacunae*"), meħtieġ biex il-pittura tkun tidher iktar magħquda, kien jeħtieġ rimedji differenti:

- il-mili tal-"*lacunae*" li l-kuntest tagħhom kien juri x'kien in-nieqes sar b'żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi opaki; dawk ftit kbar u li kienu iktar fondi, għax kellhom il-preparazzjoni nieqsa, ġew l-ewwel mimlijin bi stokk.
- Xi "*lacunae*" li kienu direttament fuq il-firma u d-data ġew mimlija b'velaturi trasparenti ħafna ftit iktar ċari

mill-kuntest tagħhom ("*a sotto tono*") biex ma jibqgħux daqshekk bojod u hekk ma tantx jagħtu fil-għajn u fl-istess ħin din id-dokumentazzjoni tibqa' kemm jista' jkun bil-karattru li taha l-artist.

- Il-"*lacunae*" fis-sħab fl-isfond ħdejn ras u għonq l-anġlu huma kbar wisq u mhux ħafif li wieħed ikun jaf kif kien għamilhom l-artist (ukoll jekk wieħed jara l-mużajk) u għalhekk tħallew bl-"*imprimitura*" kif waslu għandna llum. Partijiet żgħar nieqsa f'dan is-sħab, li l-kuntest tagħhom kien juri kif kienu, ġew mimlija b'taħlita ta' żebgħa tal-varniċ li tixbah kemm jista' jkun lill-porporina b'konsistenza ta' velaturi trasparenti ftit iżjed ċara mill-kuntest ("*a sotto tono*").
- Il-porporina tal-kwiekeb ma' spallejn Marija kif ukoll is-sħab f'dan l-għoli tħallew kif inhuma għalkemm fihom in-nieqes. Minħabba l-kuntest pittoriku tagħhom ma kienx ħafif li jinstab mod "nadif" kif jimtela dan in-nieqes. Madankollu dan in-nieqes ma tantx jagħti fil-għajn u jidħol tajjeb fil-kuntest kollu tal-pittura.
- "*Lacunae*" żgħar ħafna fix-xagħar ta' Marija, ħdejn jew imissu mal-profil ta' wiċċha, ma ġewx mimlija ħalli l-profil tagħha jibqa' kemm jista' jkun ta' l-artist.

Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr inbeda f'Awwissu 2007 u tlesta f'Mejju 2008. Tul il-perimetru l-pittura twaħħlitilha lista wiesgħa madwar 0.5cm ta' l-injam bil-varniċ biex tgħatti t-tila mitwija u l-imsiemer.

## Konservazzjoni Preventiva:

Il-pittura kkonservata u rrestawrata (rit. 9) ddendlet fis-sagristija tas-Santwarju Ta' Pinu li għal dan l-għan ġiet mgħammra bħala mużew bl-inizjattiva tal-W.R. Rettur d. Gerard Buhagiar. Il-pittura għandha tkun ivventilata, m'għandhiex tixxarrab, u tkun osservata kull sitt xhur fuq quddiem kif ukoll fuq wara ħalli jsir intervent ta' konservazzjoni u restawr minnufih jekk maż-żmien tkun qed issirilha xi ħsara. ♦





(Ikompli minn paġna 9)

*"Ma tafux li intom tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom? Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu. Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla, li huwa intom".* [10]

Għalina t-tempju, is-santwarju tal-ġebel huwa xbieha, ikona tad-dar t'Alla: *"Din hija l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom".* [11] Fi kliem ieħor is-santwarju għalina huwa:

- Il-post fejn niltaqgħu flimkien biex bħala familja u merħla waħda tal-Mulej Ġesu` nfaħħru lil Alla permezz ta' Kristu nnifsu.
- Il post li fih Alla għamel ħwejjeġ kbar, seħħew xi dehriet u permezz tagħhom Alla wera l-imħabba u l-ħniena tiegħu mal-bniedem.
- Il-post 'il bogħod mill-istorbju tal-ħajja ta' kuljum, imdawwar bis-sbuħija tan-natura, fejn fis-skiet il-bniedem jerfa' moħħu u qalbu lejn Alla.
- Il-post minn fejn Alla, bl-interċessjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija jew tal-qaddisin, xerred fuq il-bniedem il-grazzji tiegħu. Minħabba f'hekk is-santwarju jsir il-post ta' tifħir u ringrazzjament lil Alla.

## 3. Is-Santwarju Marjan

Ngħidu xi ħaġa dwar il-valur tas-santwarji Marjani li jinsabu mxerrda mad-dinja kollha u li lejhom jiġbdu l-akbar numru ta' nies. Għaliex dan? X'inhu l-messaġġ li jwassal is-santwarju Marjan?

Il-Konċilju Vatikan II, fil-Kapitlu VIII tal-Kostittuzjoni *Lumen Gentium*, jgħallem li l-insara *"għandhom iqimu* ***qabel kollox*** *il-glorjuża dejjem Verġni Marija Omm Alla u Sidna Ġesu` Kristu"* (LG 52) għaliex hija dik *"li mat-tħabbira ta' l-anġlu* ***laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb ta' Alla*** *u tat il-ħajja lid-dinja, hija magħrufa u* ***meqjuma bħala vera omm ta' Alla u tal-Feddej***... ***Mifdija b'mod l-iżjed sublimi*** *minħabba l-merti ta' binha u magħquda miegħu b'rabta qawwija li ma tinħallx... Għalhekk hija* ***l-bint l-aktar maħbuba tal-Missier u s-Santwarju ta' l-Ispirtu s-Santu.*** *Fl-istess ħin hija* ***tinsab magħquda, min-nisel ta' Adam, mal-bnedmin kollha****; anzi "****hija tassew l-Omm tal-membri kollha*** *(ta' Kristu)...* ***għaliex ikko-operat bl-imħabba tagħha għat-twelid fil-Knisja*** *ta' l-insara li huma l-membri ta' l-istess ras...* ***Il-Knisja Kattolika tqimha bħala omm l-aktar maħbuba****"* (LG 53).

Minn meta fuq l-għolja tal-Kalvarju Kristu offra lil Ommu lil Ġwanni biex tkun din issa l-omm tiegħu u ommna, Ġwanni *"ħadha għandu",* [12] ħadha f'daru u żammha mhux biss bħala ommu iżda wkoll bħala "għalliema spiritwali" – espressjoni li tant kien iħobb ilissen il-qaddej ta' Alla, il-Papa Ġwanni Pawlu II. Is-santwarju Marjan nistgħu ngħidu li huwa **l-Iskola ta' Marija**, fejn l-ulied jingħabru fi ħdan ommhom u minn għandha jitgħallmu jgħixu ta' veri wlied ta' Alla.

Jekk wieħed jidħol f'xi knisja tar-rit Orjentali mill-ewwel jilmaħ li fil-bieb ta' dak li jsejħulu

l-*ikonastasi* dejjem hemm impittra x-xbieha tat-tħabbira ta' l-anġlu Gabrijel lill-Verġni Marija. Din ix-xena biblika spiss tidher ukoll imnaqqxa fil-faċċati jew fuq il-bibien ta' diversi santwarji Marjani u knejjes tar-rit Oċċidentali. Għaliex dan?

Dik ix-xbieha qed tfakkar lil kull persuna li tkun ser tidħol fis-santwarju: "ftakar li dak li seħħ ma' Marija b'mod straordinarju, illum jista' jseħħ miegħek ukoll b'mod ordinarju"; f'kelma oħra, kif Marija laqgħet il-kelma t'Alla u għexitha, anke inti meta tidħol hawn ġewwa, f'dan is-santwarju, inti tagħmel esperjenza ta' Alla, billi fis-skiet tħalli lil Alla jwassallek kelmtu biex tkun għalik kelma ta' ħajja.

## Mela s-Santwarju Marjan huwa Skola Marjana![13]

- **Il-post tal-ġabra fejn tinstema' l-Kelma ta' Alla**

Jeħtieġ li l-bniedem meta jidħol fis-santwarju jsib **is-skiet u l-ġabra;** ma ninsewx li Alla jitkellem fis-skiet u mhux fl-istorbju. Fis-santwarju l-pellegrin jeħtieġ li jsib il-mistrieħ tiegħu fil-Kelma ta' Alla.

Għaliex aħna poplu hekk strobjuż? Għaliex kull meta nidħlu f'xi Santwarju rridu nisimgħu dik it-tgeġwiġija ta' talb? Ejjew nitgħallmu nitolbu fis-skiet: *"Intom u titolbu toqogħdux tlabalbu bħall-pagani; dawn mingħalihom li, iktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu. Tkunux bħalhom, għax Missierkom jaf x'teħtieġu, qabel ma titolbuh intom".*[14]

Anke t-talba tar-Rużarju hija talba Biblika u jeħtieġ li tingħad bil-kalma u fis-skiet kif ħeġġiġna wisq tajjeb il-Papa Ġwanni Pawlu II, bl-ittra tiegħu *Rosarium Virginis Mariae.* Spiss nisma' xi pellegrini jiftaħru kemm ħadu gost bis-skiet u bil-ġabra li sabu fil-grotta ta' Lourdes; għaliex imbagħad ħafna drabi fil-knejjes u fis-santwarju tagħna ma aħniex kapaċi nżommu l-istess skiet u ġabra? Ejjew mela niskopru s-sbuħija tas-skiet u l-ġabra!

- **Il-post tal-Laqgħa t'Alla mal-bniedem, post ta' Tifħir**

Marija twassal lil Ġesu` għand Eliżabetta u dan inissel il-ferħ fil-persuni li jilqgħuh tant li lkoll jinfexxu f'innu ta' tifħir lil Alla, u fl-istess ħin imiddu jdejhom għall-qadi.

Marija tgħallimna kif għandu jkun it-tifħir tagħna permezz tal-*Magnificat.* Spiss nersqu lejn is-Santwarju biex nirringrazzjaw lil Alla tal-grazzji li nkunu rċivejna bl-interċessjoni ta' l-Omm Qaddisa t'Alla u nieqfu hemm. Fil-*Magnificat* Marija tgħallimna li fit-talb ta' tifħir tagħna lil Alla għandna nirringrazzjawh għal dak kollu li huwa għamel mal-bnedmin kollha, u mhux għall-grazzji personali li jien inkun irċivejt. Infatti hija tirringrazzja lil Alla mhux biss għal dak li huwa għamel magħha iżda għal dak kollu li Alla wettaq mal-poplu tiegħu, għax *"il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu".*[15]

Nitgħallmu mela ma nkunux individwalisti fit-talb u fir-ringrazzjamenti tagħna, iżda nressqu t-talb, il-karba u t-tifħir ta' ħutna kollha! Kemm hija ħaġa sabiħa li nitgħallmu nirringrazzjaw lil Alla permezz tas-Salmi, li huma t-talba tal-Knisja universali; fl-aħħar mill-aħħar anke Marija kienet tfaħħar lil Alla b'dawn l-innijiet! Is-santwarji jeħtieġ li jkunu skola fejn nitgħallmu nfaħħru lil Alla bil-kelma ta' Alla.

- **Il-post tal-Karita`**

L-akbar rigali, l-akbar opra ta' karita` li Marija wasslet għand Eliżabetta u li għadha toffri lill-bniedem kollha, hija dik li twassal lil Kristu l-Feddej. San Luqa f'din il-ġrajja jara f'Marija xbieha tal-Knisja Missjunarja li permezz tal-Evanġelizzazjoni twassal l-Aħbar it-Tajba sat-truf ta' l-art.

In-nisrani jingħaraf mill-imħabba lejn il-proxxmu: *"Minn dan jagħrfu li intom tiegħi"*[16]. Marija hija l-qaddejja tal-Mulej u l-qaddejja tagħna. Mhux ta' b'xejn hija msejħa s-sieħba ta' Kristu, dik li hi dejjem miegħu, u bil-preżenza tagħha tgħinu jwettaq il-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni. Marija għalhekk tistedinna li s-santwarji tagħna jkunu postijiet fejn tidher il-karita` fost l-aħwa, għax kif qalilna Kristu: *"Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti għamiltuh miegħi".*[17] Jeħtieġ li s-Santwarji Marjani jkunu verament l-iskola fejn nitgħallmu aktar xi tfisser il-Kelma ta' Alla, il-post li fih nitgħallmu naraw il-preżenza ta'

Alla f'ħutna. Ha jkunu s-Santwarji tagħna l-post fejn kull bniedem jilbes il-fardal tal-qadi u hekk ikun xbieha ħajja tal-Verġni Marija, il-qaddejja ta' Alla u tal-bnedmin.

## • Il-post taċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika

*"Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja".*[18] Minn fuq is-Salib Ġesu` wera ħnientu magħna, *"għax dan hu ġismi li jingħata għalikom, dan hu demmi mxerred għall-maħfra tad-dnubiet".*[19] Fis-santwarju, Marija tilqagħna fi ħdanha u hi stess tressaqna fi ħdan Binha biex nirċievu u nduqu l-ħniena tiegħu. Minħabba f'hekk is-santwarji Marjani għandhom ikunu l-postijiet ippriviliġġjati fejn wieħed issib il-possibbilta` kollha biex jitħabbeb ma' Alla permezz tas-sagrament tal-Penitenza. Xi ħaġa sabiħa hi li f'ċerti mumenti tas-sena fis-santwarji jsiru Ċelebrazzjonijiet Komunitarji tal-Qrar, biex hekk dejjem jidher is-sens ta' Knisja, ta' poplu ta' Alla.

Iżda l-qofol ta' kull pellegrinaġġ u ċ-ċentru ta' kull santwarju tibqa' ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Marija preżenti taħt is-salib ta' Binha, hija preżenti maġenb kull artal u magħna tkompli toffri dan is-sagrifiċċju lil Alla. Marija tgħallimna nieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika. Id-digriet tal-Kongrigazzjoni li ġa semmejna jinsisti biex fis-santwarji kemm jista' jkun isiru konċelebrazzjonijiet ta' diversi gruppi ta' pellegrini flimkien, u dan biex dejjem joħroġ aktar qawwi s-sens komunitarju u mhux biss dak individwalistiku ta' gruppi żgħar.

## Konklużjoni

Kull pellegrin mela qatt ma għandu jaqta' qalbu meta jħabbat wiċċu mat-tbatija tal-ħajja; f'kull pellegrinaġġ hemm l-iebes, mela kemm aktar fil-ħajja. Iżda l-qawwa biex ikompli miexi 'l quddiem fil-mixja tiegħu lejn is-sema n-nisrani jsibha fl-għajnuna materna tal-Verġni Marija, għaliex fl-aħħar mill-aħħar anke hija, kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II, *"imxiet 'il quddiem fil-pellegrinaġġ tagħha ta' fidi u żammet fil-fedelta` l-għaqda tagħha ma' binha sas-salib fejn, mhux mingħajr pjan ta' Alla, hi baqgħet wieqfa...".*[20]

Hekk qal il-Papa Ġwanni Pawlu II lir-retturi tas-santwarji: *"Dejjem u kullimkien, is-santwarji Kristjani kienu u għadhom sinjal ta' Alla, tas-sehem tiegħu fl-istorja. Kull santwarju huwa memorja tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u tar-Redenzjoni".*

Nagħmlu kuraġġ u nkomplu l-mixja tagħna flimkien lejn is-sema sa dak il-jum li ssib il-milja tagħha t-talba ħerqana li Ommna Marija qed tagħmel għalina. *"Jalla l-insara kollha jgħollu talb ħerqan lil Omm Alla u Omm il-bnedmin biex hi, imsebbħa fis-sema fuq il-qaddisin u l-anġli kollha, tinterċedi, fix-xirka tal-qaddisin kollha, quddiem Binha biex il-familji kollha tal-popli, kemm dawk li jiżżejnu bl-isem ta' Nsara, kemm dawk li għadhom ma jafux is-Salvatur tagħhom, jingħaqdu fl-hena, fil-paċi u fil-ftehim, f'poplu ta' Alla wieħed għall-glorja tat-Trinita` Qaddisa Alla wieħed".*[21]

*F'das-Santwarju aħna ġejna,*
*f'din id-dar minn tal-Mulej;*
*id f'id miegħek ilkoll nimxu*
*lejn l-għamara tal-Feddej.* ♦

**Riferenzi**

1 Salmi 122, 134, 135, 138, 150.
2 Efesin 1, 4.
3 Mattew 1, 21.
4 Luqa 2, 49.
5 Ġwanni 2, 2. It-Teoloġija Giovannea dwar Ġesu` bħala t-tempju t'Alla tidher ukoll fil-ktieb ta' l-Apokalissi, kapitlu 21.
6 1 Pietru 2, 5.
7 Efesin 2, 21-22.
8 Ġwanni 4, 21-24.
9 L-ewwel "*Domus Ecclesia*" kienet id-dar ta' San Pietru f'Kafarnahum fejn spiss Kristu kien jilqa' n-nies u jgħallem. F'Ruma u f'Pompei jeżistu oħrajn.
10 1 Korintin 3, 16-17.
11 Apokalissi 21, 3.
12 Ġwanni 19, 27.
13 Ser infisser ftit kif inhi mqassma din l-iskola Marjana fuq l-innu ***Lejn is-Santwarju Ta' Pinu,*** u mill-istrofi wieħed jista' joħroġ x'inhi l-ispiritwalita` tas-santwarju Marjan.
14 Mattew 5, 8.
15 Luqa 1, 50.
16 Ġwanni 13, 35.
17 Mattew 26, 40.
18 Ġwanni 12, 32.
19 Mattew 26, 26-28.
20 LG 58.
21 LG 69.

# Id-Diskors ta' l-Inawgurazzjoni tas-Santwarju Ta' Pinu
## 13 ta' Diċembru 1931



***Nota Editorjali:*** *Dun Gerard Buhagiar, ir-rettur tas-Santwarju Ta' Pinu, flimkien mas-saċerdoti tas-Santwarju u l-Bord Editorjali ta' din ir-Rivista, jixtieq jirringrazzja lis-Sinjura Esther Camilleri, li madwar sena ilu offriet lis Santwarju Ta' Pinu diversi manuskritti orġinali ta' Monsinjur Ġużeppi Portelli, ir-rettur li bena s-Santwarju Ta' Pinu. Fost dawn id-dokumenti nstab id-Diskors li Monsinjur Portelli għamel f'Jum l-Inawgurazzjoni u l-Konsagrazzjoni tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Il-Konsagrazzjoni saret mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi fit-13 ta' Diċembru 1931. Ta' min ifakkar li din iċ-Ċelebrazzjoni saret ukoll biex tfakkar il-festi speċjali li kienu qed isiru fil-Knisja Kattolika biex ifakkru l-15-il seklu mill-Konċilju ta' Efesu, Konċilju li pproklama bħala Domma ta' Fidi li l-Verġni Marija hija l-OMM QADDISA TA' ALLA, "Theotokos"!*

*Illum, għall-ewwel darba qed nippublikaw dan id-diskors sabiħ u profetiku ta' Monsinjur Ġużeppi Portelli, diskors li juri l-imħabba kbira li kellu lejn il-Verġni Marija, diskors profetiku, diskors li jurina kif għandna nħarsu lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Dan id-diskors huwa miktub f'Malti antik; grazzi għall-ħidma tas-sur Anthony Grima, li rranġa l-kliem għal-lingwa Maltija ta' żmienna, illum nistgħu nippubblikaw dan id-diskors importanti fl-istorja tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.*



**Discorso di inaugurazione**
**del**
**Santuario Ta' Pinu**
**Coincidente**
**il XV centinario**
**del Concilio di Efeso**
**13-12-1931**

**Fatto dal Rettore**
**Don Giuseppe Portelli**




1: L ewwel prova ta' dak li pproponejt jagħtikom il-fini li għalih f'din is-sena raġa' nstema' mad-dinja kollha dak li sar ħmistax-il seklu ilu fil-belt ta' Efesu. Għaliex riedet il-Knisja ommna, u anzi talbet bil-ħeġġa lill-insara kollha biex f'din is-sena jagħmlu festi u jwaqqfu monumenti b'tifkira ta' dak li għamel il-Konċilju dakinhar? Fehmet forsi li tqanqalna għal sempliċi pompa u xejn iktar? Il-pompi biss huma soliti jispiċċaw fi ftit duħħan u xejn iktar. Il-Knisja qatt ma emmnet bil-qoxra biss ta' minn barra; imma dejjem, f'kollox fittxet il-qalba, is-sustanza. Għalhekk bit-talba tagħha fehmet tonora lil Marija Omm ta' Alla, u tibbenefika lilna wliedha bil-grazzja tagħha. Issa nafu lkoll illi t-tifħir u l-unuri tant iżjed huma aċċettati u ferrħu l-qalb kemm iktar isiru fejn u b'dak il-mod li jitlob min jirċivihom. U mhux hawn Marija trid li tkun imfaħħra u unurata? Kif iduru l-gżejjer tagħna ma hemm ebda lok ieħor li jitkellem hekk ċar, u b'vuċi sħiħa minn



Marija bħalma jitkellem is-Santwarju Ta' Pinu; għaliex Hi stess kienet li għażlitu għaliha; u meta nbniet din il-knisja ma nbnietx fejn urew il-kapriċċi tal-bnedmin, imma fejn għażlet Marija stess. Hi wkoll sejħitilna għal hawn, għaliex minnu trid tagħnina b'ġidha.

2: Infakkarkom fit-22 ta' Ġunju ta' 48 sena ilu, ġurnata li qatt ma tintesa, ġurnata li fiha dik ix-xbejba li isimha jibqa' stampat f'dan is-santwarju, lura mix-xogħol għal darha, sewwasew hi u għaddejja mit-triq ta' quddiem din il-kappella ċkejkna, dakinhar (abbandunata) minsija, ta' Marija, bil-ħsieb li tibqa' sejra mingħajr ma tidħol, għaliex dehrilha li kienet mgħaġġla: "Ejja, ejja", tgħidilha Marija minn hemm ġew. Kienet vuċi li semgħetha ċara, sħiħa, u fiha ma ħalliet ebda dubju li ma kenitx Marija li sejħitilha: vuċi li, kif stqarret, dlonk imlietha b'ferħ li qatt kien għadha ma ġarrbet.

3: Li b'din il-kelma Marija ma riditx hawn lix-xbejba Karmena waħedha, imma magħha lilna lkoll, hemm b'turija dik il-kotra li ma tgħoddhiex ta' pellegrini, nies ta' kull stat u kundizzjoni, nies ta' kull xorta, li ġew dejjem u għadhom ġejjin. Ġew minn jeddhom, mingħajr sforzati; u mhux b'fini ieħor ħlief biex iżuru lil Marija. Jekk hawn fostkom min ma jagħtinix raġun jgħidli ftit x'kien hawn li sata' jiġbidhom u jħajjarhom barra minn Marija? Il-kappella? Lanqas biss fiha forma ta' knisja, imma donnha kienet kamra fir-raba'. Il-post fejn hi qiegħda b'xi veduti li jsaħħruk? Post iwaħħax fejn ma hemm lanqas dar waħda fejn tistkenn, u ma ssibx ma' wiċċek ħlief widien, muntanji u għoljiet. Ma' dan żiedu l-isforz u s-sagrifiċċju, billi biex tasal hawn jinħtieġlek tinvesti minn banda għall-oħra l-gżira kollha u tasal fl-aħħar ponta. Ġew, immela, għax riedu; jew aħjar, għax Marija ssuktat tħabbat fil-qlub u bis-sejħat tagħha baqgħet s'issa xorta waħda ssamma' lil kulħadd: "Ejja, ejja".

4: Turija oħra, ċara wisq, jagħtuhielna dawk il-grazzji li bil-kotra ħarġu s'issa minn dan il-lok. Kienu morda, b'jieshom maqtugħ, u ġew imfejqin. Kienu mbikkija u sabu l-faraġ. Min kien fuq il-baħar imqalleb u furjuż, donnu żgur li sejjer jibilgħu, imnejn kien ħares lejn dan is-santwarju u rnexxielu jidħol fil-port qawwi u sħiħ. Min kien fil-periklu minn hawn ħarġet għalih dik l-id li lliberatu. U sa l-istess għedewwa ta' Alla ostinati fid-dnub, hawn sabu min rattbilhom qalbhom u kkonvertihom. Imma għalfejn nissukta fuq dan il-punt? Sejjer forsi nasal biex inkun għidt kollox? Grazzji ta' kull xorta ħarġu minn hawn, u mingħajr għadd, u ma' kulħadd; b'dan biss jeħtieġ li tibqgħu kuntenti. Marija mmela b'dak kollu li għamlet u għadha qiegħda tagħmel magħna turina ċar li hawn tridna miġburin biex nonorawha, u hawn ukoll trid issibna biex tagħnina bil-grazzji tagħha.

5: Iktar mis-sejħa tagħha Marija stess bi kliemha turina li s-santwarju tagħha Ta' Pinu jitkellem ċar wisq mill-maternita` tagħha, u b'dik id-devozzjoni li Hi, minn hawn, talbet u rrakkomandat tfakkarna dejjem li Hi l-Omm ta' Alla; u għalhekk xħin aħna hawn quddiemha qegħdin inżuruha, b'dak li nagħmlu nkunu qegħdin intennu dak li kien solenni, li b'ferħ kbir intqal f'Efesu 15-il seklu ilu: "Marija Omm ta' Alla, Marija Omm ta' Alla; *Mater Dei*". Għal dan inħalli fil-ġenb li l-kwadru stess prinċipali ta' dan is-santwarju jġib ix-xbieha tielgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, għaliex jien insib ukoll knejjes oħra ddedikati għall-istess misteru. Għandna l-knisja ewlenija, omm tal-knejjes kollha tad-djoċesi, għandna parroċċi, u

bil-kotra, fiż-żewġ gżejjer: dawn imma ġew hekk iddedikati mill-bnedmin. Is-Santwarju Ta' Pinu Marija kienet li għażlitu għall-Misteru tal-Assunzjoni tagħha fis-sema, u bid-devozzjoni li Hi stess minn hawn talbet turina ċar dak li nixtiequ nisimgħu bla ma ndumu, iddefinit b'domma tal-fidi Nisranija mill-fomm infallibbli (li ma jiżbaljax) tal-Knisja. U biex taraw kif nerġgħu għall-ġrajja tat-22 ta' Ġunju li semmejt.

6: Ubbidjenti għas-sejħa ta' Marija, ix-xbejba Karmena tidħol dlonk fil-kappella, b'ħeġġa kbira titlob fis-skiet, u xħin sejra ddawwar wiċċha biex toħroġ, Marija mill-ġdid terġa' ssemmagħha leħinha u tgħidilha: "għid tlitt *Ave Maria* b'tifkira ta' dawk it-tlitt ijiem li fihom ġismi baqa' midfun fil-qabar". Hekku l-kliem ta' Marija stess. U x'irridu iżjed? U ma jippruvax tajjeb it-tlugħ fis-sema tal-ġisem tagħha wkoll biex mar-ruħ wara tlitt ijiem jingħaqad għat-tgawdija ta' dejjem? Għaliex ladarba Marija qalet: "B'tifkira ta' dawk it-tlitt ijiem li fihom ġismi qagħad fil-qabar", mela malli tkomplew dawn it-tlitt ijiem il-ġisem irxoxta minn bejn l-imwiet u rtefa' dritt lejn is-sema. Kieku dam aktar għat-tul hawn fid-dinja, jien jidhirli li dan kien ikun kliem ta' min hu ibleh u ma jafx jirraġuna, billi ġisimha, baqa' fejn baqa', jekk kieku ma sabx loku fis-sema, kien dejjem jibqa' f'dak li jissejjaħ qabar tiegħu.

7: U kemm hu tajjeb Alla, u kemm ħabbna fost kulħadd! Lilna, poplu ċkejken, jafdalna dak is-sigriet li, safejn naf jien, ma fdahx s'issa lil ebda poplu ieħor, kbir kemm tridu, li hemm fid-dinja; u fdahulna bil-fomm infallibbli ta' Ommu stess. O x'għad ikun, nimmaġina, x'għad ikun iżjed 'il quddiem meta jasal dak iż-żmien wisq mixtieq li fih il-Papa jħoll ilsienu biex jiddefinixxi b'domma tal-fidi Nisranija l-Assunzjoni ta' Marija fis-sema! Hekk kif dak il-kliem li qalet Marija lil Bernardetta hemm f'Lourdes sewwasew erba' snin wara d-definizzjoni tad-domma tal-Immakulata ferraħ wisq lill-insara kollha, għaliex serva b'turija ċara tal-infallibbiltà tal-Vigarju ta' Ġesu` Kristu, hekk ukoll, nittama f'Alla li l-kliem li qalet hawn Marija 48 sena ilu lil Karmena għad jinstama' mad-dinja kollha kif iddur u jservi b'armi f'idejn il-Papa biex jikkumbatti lil dawk il-ħżiena li f'kollox jieħdu gost jikkumbattu l-għamil ta' Alla, meta jasal biex jgħidilna: "Marija ġiet meħuda fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. *Maria assumpta est in coelum.* Hi stess qalet li ġisimha tlitt ijiem biss qagħad fil-qabar". Nitolbuha lil Marija minn qiegħ qalbna li tkompli kif taf Hi, biex isir dan, u bla ma jdum, għall-kotra tal-glorja tagħha u ta' Alla Binha.

8: Imma nerġa' għal li kont: id-devozzjoni speċjali, immela, id-devozzjoni proprja tas-Santwarju Ta' Pinu hi devozzjoni mitluba minn Marija stess; u devozzjoni li tipprova tajjeb wisq l-Assunzjoni tagħha fis-sema. Isimgħu issa kif jitkellem il-profeta David mill-Assunzjoni ta' Marija fis-Salmi tiegħu: *"Surge, Domine, in requiem tuom tu et arca sanctificationis suae"*: "Qum", mar jgħid dan il-profeta lill-Iben ta' Alla, "Qum, o Sinjur, mill-qabar, oħroġ rebbieħ mill-mewt u idħol fil-mistrieħ tiegħek ta' dejjem." *"Surge, Domine, in requiem tuam."* Iżda la tħallix imbagħad żmien twil li turi l-istess qawwa mal-Omm maħbuba tiegħek, mal-arka tal-Ġdid Testment li fiha l-bnedmin sabu l-qdusija; l-arka pura li fost it-taħsir tad-dinja ġiebet fiha s-salvazzjoni tal-popli; l-arka tal-qdusija li fiha Alla ingħaqad mal-bnedmin, u li fil-persuna tiegħu ġiebet fl-art il-manna tas-sema. *"Tu est arca*



*sanctificationis suae."* Skont dan il-kliem tal-profeta l-misteru tal-Assunzjoni jissupponi lil Marija Omm ta' Alla; u anzi żied: għaliex bħala raġuni tal-qawma glorjuża minn bejn l-imwiet u tar-refgħa tagħha fis-sema jagħtina din: "għaliex Hi l-Omm ta' Alla". Fl-istess ħin immela li aħna hawn, fejn sejħitilna Marija stess inkunu qegħdin nonorawha bid-devozzjoni li tatna Hi, inkunu wkoll qegħdin inkantawlha bħal dawk ta' Efesu: *"Mater Dei, Mater Dei."* Inti l-Omm ta' Alla. U għalhekk bid-dritt kollu għandi ngħid li din iċ-ċirkustanza tal-lum li hawn f'pajjiżna għaqqdet flimkien il-konsagrazzjoni ta' dan is-Santwarju mat-tifkira ċentinarja tal-Konċilju ta' Efesu qiegħda wisq f'lokha. U anzi kien hemm bżonnha. Għaliex s'issa, kif diġà għidt, aħna bid-devozzjoni tagħna hawn konna ngħaqqdu flimkien iż-żewġ misteri ta' Marija; Marija Omm ta' Alla, Marija merfugħa fis-sema. Imma din l-għaqda s'issa kienet bla ma tidher, moħbija biss fil-qalb. Kien hemm bżonn għalhekk il-festa tal-lum biex dak li nagħmlu f'qalbna jidher ukoll minn barra, u hekk matul is-sekli kollha dan is-Santwarju jibqa' bħala monument ta' Marija Omm ta' Alla.

9: U mhux biss il-lok u l-mod li bih għandna nonorawha, imma anke dan l-istess tempju mibni ġdid, jagħtini li ngħid li Marija riditu biex iservi b'tifkira ta' din iċ-ċirkustanza. Jiena ma rridx nidħol fil-ġudizzju ta' Alla; u anzi nistqarr li nkun wisq prużuntuż kieku nippretendi nagħmel dan. Biss jiena jidhirli li għandi d-dritt kollu ngħid li kulma jagħmel Alla ma jixħtux hekk kif ġie ġie, u lanqas iħobb jaħdem għalxejn. Għalxejn Alla qatt ma ħadem. U mhux Hu stess jiżgurana li kulma jagħmel Hu wisq attent biex jirnexxielu bil-qies, bil-piż u bin-numru biex ikun jaqbel tajjeb mal-finijiet tiegħu.

U x'fini kellu, u għaliex ra li appuntu f'din is-sena jitkompla l-bini ta' din il-knisja? Kien ilhom, u mhux ftit, jitħabtu u jissaraw biex jibnuha, ma rnexxielhomx. X'ma għamilx il-mibki ragħaj ta' din id-Djoċesi, Alla jagħtih il-glorja tal-Ġenna, Mons. Camilleri biex


chienet li ghazlitu aliha; u mita inbniet din il
cnisia ma inbniet fejn ureu il capricci tal
bniedmin, imma fejn ghazlet Maria stess. Hi
ucol xtitfilna ghal ghaun, il ghaliex min ghan
trid tghanina bzjada.
2. ...

*Parti mid-dokument oriġinali ta' Mons. Ġ. Portelli*

isawwar l-art meħtieġa u jinbeda x-xogħol? Imma x'ħa? Kawżi u appelli fil-Qorti kontra tiegħu u xejn aktar, kif stqarr hu stess pubblikament fil-priedka li għamel fit-tberik tal-ewwel ġebla ta' din il-knisja tnax-il sena ilu. Għadni niftakar bħallikieku issa, f'dik iċ-ċanfira li qlajt minnu, ċanfira rraġunata, għaliex qalbu kienet imnikkta, meta sewwasew xahrejn wara li rfist hawn jien sittax-il sena ilu, tlabtu jippermettili nħabrek biex tinbena l-knisja mixtieqa: "le", qalli, "dan ma tagħmlux żgur." U għaliex, naħseb, rani bqajt wisq immortifikat taħt kelma hekk iebsa, li ffrastornali għal kollox ħsibijieti, raġa' kompla: "Kun af li daqs kemm għamilt jien għal dan, la int u lanqas ħadd żgur ma jagħmel, u frattant bqajna dejjem fejn konna". U min jista', nerġa' ngħid, jifhimhom il-Ġudizzji ta' Alla? Baqa' kollox fejn kien sa dakinhar għaliex kien għadu ma hux il-waqt. Wasal imbagħad, bla ma dam wisq, meta sena wara erġajt għamiltha miegħu ta' ardit bl-istess talba, u allura mhux biss li ppermettieli, imma anzi bi premura kbira rrakkomandani.

10: Jibda, imbagħad, ix-xogħol tal-pedamenti li kienu tal-biża', fil-... ta' ... tal-1919. Sena wara, fit-30 ta' Mejju 1920, li kienet ġurnata ddedikata lis-Santissma Trinità, titbierek l-ewwel ġebla. Jissokta l-bini, u minn dakinhar sal-lum jgħaddu tnax-il sena. Issa għiduli: għaliex appuntu tnax-il sena, u mhux la iżjed u la inqas? Ix-xogħol minn meta nbeda baqa' sejjer dejjem; kien hemm bżonn ta' tnax-il sena biex jitkompla? Ma kienx, u dan jien żgur minnu; imma d-diffikultajiet li

nqalgħu u ċ-ċirkustanzi li sibna ma' wiċċna ġiebu hekk. Mill-banda l-oħra, għaliex mhux iktar minn tnax-il sena? Kien wisq ta' min jaqta' qalbu: iż-żminijiet kienu koroh wisq; għadhom biss kif tkomplew il-pedamenti u l-fondiet, u l-fondiet kważi diġa` spiċċaw; l-ispejjeż kbar u sejrin ta' kuljum. Kienet, għalhekk, tkun ħaġa kbira kieku wieħed qata' qalbu u telaq kollox? U nerġa' nistqarr ċar li Marija donnha riedet tinqeda bl-orazzjoni tiegħi biex il-bini jibqa' miexi bla ma jieqaf. Niftakar li kien għadna wisq qrib mill-art, u mal-bennej stess nirċievi ordni mis-superjur tiegħi biex inwaqqaf kollox fil-mument billi mnejn inħallas ma kienx fadal. U int taf ukoll b'dan, Eċċellenza, għaliex għalkemm imbiegħed, meta kien għadek m'intix magħna, smajtha din il-ħaġa, u mill-kliem li kont għidtli dakinhar jien għaraft tajjeb li ġriet ma' kullimkien ix-xniegħa li konna wisq imġebbdin. Żammejt iebes għall-ordni li kelli u vinċejt. Kieku waqqaf ix-xogħol, min jaf jekk kienx xi darba jerġa' jibda; u jekk jibda min jaf meta? Donnha Marija kienet tistenna din il-prova; għaliex wara bdiet tipprovdi u baqgħet sal-aħħar, imma biss kemm jinħtieġ, u mhux iktar. Biex hekk żgur jissokta l-mixi b'dak il-pass li wassal l-opra kompluta fil-kors ta' din is-sena biex biċ-ċirkustanza tal-lum inħallu warajna tifkira taċ-ċentinarju ta' dak li sar f'Efesu ħmistax-il seklu ilu b'tifħir u glorja lil Marija Omm ta' Alla.

11: L-opra mmela, kif kulħadd jara, hi diġa` mwassla fit-tmiem. Nifirħu lkoll kemm aħna, għandna wisq raġun; għaliex din hi opra kollha kemm hi tagħna u tagħna lkoll. U dan riedet Marija li jkun is-Santwarju tagħha Ta' Pinu, li jkun ta' kulħadd. Għaliex is-sejħa li għamlet hi sejħa ta' omm, u Marija Hi omm ta' kulħadd, u 'l hawn sejħet lil kulħadd, u minn hawn trid tferraq il-grazzji tagħha ma' kulħadd; u għalhekk għamlet b'mod li dan is-Santwarju ġdid ikun ukoll opra ta' kulħadd biex ikun veru opra nazzjonali. Ftit wara li nbdiet id-devozzjoni f'dan is-Santwarju kien hemm min ried jibnilha din il-knisja li qegħdin fiha, waħdu, spejjeż tiegħu biss; kien hemm min ried jindaħal iħallas nofsha; oħrajn li wiegħdu somom kbar. Iżda Marija mhux hekk riedet. Stenniet lil dawn kollha wieħed wara l-ieħor imutu qabel ċediet biex tiġi lilha mibnija; 'ilgħaliex riedet li l-knisja li kellha tinbena tkun frott tal-għaraq ta' kulħadd, u hekk fiha kulħadd ikollu sehem, mhux dan jew dak il-bniedem, imma kulħadd, għonja u foqra; lanqas dan jew dak ir-raħal, imma kollha kemm huma l-irħula ta' Għawdex; u mhux biss aħna l-Għawdxin, imma ħutna l-Maltin ukoll; riditu l-veru Santwarju Nazzjonali. Nissuktaw, immela, inħabirku lkoll bħalma bdejna; ma naqtgħux qalbna u nagħmlu b'mod li dan is-Santwarju b'għaraqna jasal biex ikun komplut minn kollox, mogħni b'kollox; biex inħalluh lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna bħala monument jitkellem b'vuċi sħiħa mill-fidi u l-imħabba tagħna lejn Marija, Omm ta' min salvana, merfugħa fis-sema.

12: Imma fost kollox nikkumbattu b'ħilitna kollha dik il-bruda li qiegħda żżommna wisq imfixklin fil-mixi għall-Ġenna; bruda li qiegħda tħassar lil qlubna għaliex bħalkom vittma tagħna nfusna, tad-dinja u ta' dak kollu li jħobb id-demonju. Jekk irridu li dan jirnexxi żgur, u noħorġu rebbieħin bla ebda dubju minn kull xorta ta' għedewwa li ruħna jridu jirrovinaw, inkomplu l-preċett li tana Ġesu` Kristu: *vigilate et orate ut non intretis in tentationem:* imma qisu li tkompluh hawn ma' Marija, quddiem Marija, f'riġlejn Marija; ishru magħha u itolbu magħha. Ma nafx jekk qattx ħabtet f'moħħkom l-imġiba tal-appostli li xejn ma tixxiebah f'żewġ ċirkustanzi diversi: l-ewwel waħda meta kienu fl-Ort tal-Ġetsemani, u l-oħra, imbagħad, ftit iżjed minn 40 ġurnata wara hemm fiċ-Ċenaklu. Fil-Ġetsemani meħudin hemm għal tal-apposta minn Ġesu` stess biex jitolbu, magħfusin min-ngħas, tefgħawha raqdu: u għalkemm Ġesu` bil-ħniena talabhom biex jishru u jitolbu jekk riedu li d-demonju ma jirbaħx, huma pero` u la talbu u lanqas sahru, iżda raqdu biss: *invenit eos dormientes*. Fiċ-ċenaklu pero` ma għamlux hekk. Hemm insibuhom kollha kemm kienu f'ġabra kbira tal-menti, imxegħlin f'orazzjoni fervoruża; u dan mhux għal xi mument wieħed biss,



*Ritratt antik tal-kappella tal-Madonna Ta' Pinu*

iżda tul iż-żmien kollu li baqgħu hemm ġabu rwieħhom dejjem xorta waħda, mingħajr tfixkil, perseveranti fl-orazzjoni sal-aħħar mument: *eran... perseverantes in oratione.* U 'ilgħaliex hekk? Tant għejja, tant ngħas, tant dwejjaq u indifferenza xħin kienu fl-Ort; u għal kuntrarju, imbagħad, tant ġabra, ħeġġa u fervur xħin kienu fiċ-ċenaklu?... Waħda hija r-raġuni. 'Ilgħaliex fil-Ġetsemani huma kienu waħedhom billi Ġesu` tbiegħed minnhom u mar jitlob waħdu. Mentri fiċ-ċenaklu kellhom magħhom lil Marija; u l-preżenza tagħha kienet biżżejjed biex tirrendihom fervorużi wisq. Fejn hemm Marija l-qlub ma jistax ikun li jibqgħu muti u berdin.

Issa Marija hija hawn, għal hawn qiegħda ssejħilna, hawn trid tarana mrekknin magħha: Ejja ejja. Niġu mmela, u niġu lkoll u ta' spiss. Ningħaqdu flimkien f'pellegrinaġġi, imma pellegrinaġġi li juru qima u devozzjoni, u hekk miġburin flimkien f'riġlejn Marija nitolbu, u t-talba tagħna mingħajr dubju li jkun kif iridu Ġesu` Kristu Binha. Nitolbuha tbiegħed minn fuqna dawn iż-żminijiet koroh li tant qegħdin ibikkuna; li trattab il-qlub ibsin ta' dawk li huma l-ħtija, u tagħmel b'mod li huma wkoll isiru ħbieb ta' Alla, 'ilgħaliex m'humiex; u lilna tħarisna li ma nispiċċawx b'dawk is-sentimenti koroh li lilhom qegħdin iżommuhom għamjin, u li b'ħilithom kollha qegħdin ifittxu li jiżirgħuhom fostna, tindukrana tajjeb u twarrabna minnhom. Nitolbuha, qabel kulħadd, għar-Ragħaj tagħna li tant għamel, sofra u ħabrek u għadu jħabrek għall-ġieh ta' Marija f'dan is-Santwarju u li qiegħed jagħmel kulma jista' biex jiġborna lkoll f'riġlejn Marija, hawn fid-dar tagħha, dik id-dar li Hi stess għażlet f'pajjiżna, u jixtieq li jarana dejjem flimkien, l-Omm u wliedha kollha, għall-glorja tal-Omm u għall-ġid ta' wliedha. Taqlagħlu mingħand Alla binha, mitt sena għomor bi ħlas ta' kull ma għamel, ħajja kollha zelu għall-glorja ta' Alla u l-ġid tagħna, merħla f'idejk fdata timliek bil-kuraġġ biex bla biża' jissara mal-għedewwa li b'ħilithom kollha qegħdin ifittxu li jirrovinawlna ruħna, jiddefendina mill-malizzja tagħhom qarrieqa, u miegħu jmexxina dejjem magħqudin f'qalb waħda mit-triq li twassalna fil-Ġenna. Nitolbuha għall-Papa, Vigarju ta' Ġesu` Kristu hawn fl-art; nitolbu għat-trijonf tal-Knisja Mqaddsa, u għall-konverżjoni tal-midinbin kollha. Nitolbuha għalina nfusna, għall-familji tagħna, għal niesna, għall-benefatturi tagħna, għal ħbiebna, għall-għedewwa tagħna, nitolbuha għal kulħadd.◆



# Mary: God's Shrine

Rev. Emanuel Magro

***"When the days were completed for their purification according to the law of Moses, they took him up to Jerusalem to present him to the Lord, just as it is written in the law of the Lord 'Every male that opens the womb shall be consecrated to the Lord,' and to offer the sacrifice of 'a pair of turtledoves or two young pigeons,' in accordance with the dictate in the law of the Lord."*** (Lk 2:22-24)

As a pious and law abiding Jewish couple, Mary and Joseph presented their first-born son to God. They travelled to Jerusalem and made their way to the Temple. The Temple occupied a very special place in their hearts and in their lives. They believed that the Temple was not just an architectural structure created by humans. God had asked God's people to build such a monument so that God may dwell among the people of Israel and be near to them. By visiting and praying in this particular building, Mary and Joseph believed that they were encountering the living and saving God of their ancestors. By entering the Temple, they were standing in God's presence.

For the Jewish people the Temple was a memorial of the great and at times extraordinary events that God has worked on their behalf. God, who took them out of slavery in Egypt and formed them into God's own chosen people and was faithful to God's own word in letting them inherit the Promised Land, made God's abode among them. By even looking at this marvelous building, the people were to remember the almighty and wonderful deeds the Lord had done for them.

God's house in their capital city was a privileged place where one would gain divine assistance. It was their house of prayer. There they congregated and commemorated their great feasts of God's relationship with them. It was in the Temple that they brought sacrifices of thanksgiving and prayer. God's shrine in Jerusalem was a source of inspiration strengthening their faith that their God though fully transcendent still heard and answered them. God always took care of them. God was always with and for them.

God's presence amongst humans took a radical form by the incarnation of the Word of God. God did not want to live any more in a shrine made out of wood and stone. God decided to become human. Without idolizing the human body, God wanted to partake of human nature divinizing it and making it a shrine where humans can meet the living God of love. Since the incarnation of the Son of God, human nature has assumed a role that it did not have before. It became God's shrine. God dwells in human nature and human nature is sanctified and rendered sacred.

To become human the Son of God had, like all other humans, to spend the first nine months of his human life in the womb of his mother. Had he not being gestated by Mary, he would not have been human. Mary's womb became his concealed holy place. His time in the womb was hidden from the eyes of men and women, yet experienced powerfully by his mother. It changed not only his mother's body but also her identity. She, a virgin has become a mother. She, a human being has become God's shrine!

The incarnation of the Son of God also affects Jesus' disciples. Their human nature becomes divinized without them becoming gods. By virtue of the gift of the Holy Spirit they become temples of God's Spirit and God adopts them as God's own sons and daughters. God is present in them and makes their human nature a shrine of God's presence. Through their own humanity they are to make God present to one another and to the world. God's shrine is no longer a building; it is human beings themselves who become God's shrines through the incarnation of God's Son and by the power of the Holy Spirit! They carry within them the Tri-une God who is present with them always!

Mary, who became God's shrine and carried God's Son in her womb, accompanies all Christians in their specific role of being God's shrine in the world.♦

# Ħsibijiet Marjani



**mill-ktieb**
**ta' l-Isqof Don Tonino Bello**
**miġburin minn A.C.M.**
**traduzzjoni: Ġorġ Cassar**




# Marija il-Mara Missjunarja

***"Iżda meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu mwieled minn mara"*** *(Gal 4,4.)*

L-istudjużi tal-Bibbja jgħidu li hawnhekk għandna l-eqdem test Marjan fit-Testment il-Ġdid. Fil-qosor tiegħu, dan il-vers fih ħafna x'tixtarr.

Iżda dak li jolqotni l-aktar f'din is-silta:

- mhux tant l-istqarrija tal-maternita' divina ta' Marija,
- daqskemm il-fatt li Marija fl-ewwel dehra tagħha fix-xena Biblika, tidher strettament assoċjata ma' Kristu, **l-ewwel missjunarju.**

Marija dan għamlitu biex turi li l-karatteristika fundamentali tal-figura materna tagħha hija li tkun missjunarja.

Bla dubju, fil-Vanġelu hemm bosta siltiet li juru b'modaktar konkret il-**funzjoni missjunarja ta' Marija.**

Biżżejjed insemmu ż-żjara ta' Marija għand kuġinitha Eliżabetta.

Fil-verżjoni ta' Mons. P.P. Saydon, fl-ewwel kapitlu ta' S. Luqa, vers 26, naqraw:

*"Fis-sitt xahar, kien mibgħut l-anġlu Gabrijel, minn għand Alla, f'belt tal-Galilija jisimha Nażaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel... u x-xebba kien jisimha Marija".*

Kif l-anġlu kien **mibgħut** għand Marija f'Nażaret, hekk jidher li Marija ġiet ispirata u **mibgħuta** biex titlaq u tħaffef lejn l-għoljiet għal għand Eliżabetta. Hekk Marija saret:

- l-ewwel ostensorju ta' Kristu,
- l-inawgurazzjoni ta' l-ewwel purċissjoni tal-Korpus.

## TALBIET
## Imqaddsa Marija, mara missjunarja:

- agħti lill-Knisja tiegħek il-grazzja li tagħraf dejjem aħjar il-vokazzjoni ewlenija tagħha, li tkun Missjunarja;
- agħmel li hi tixbah Lilek u bħalek tagħżel lil Kristu Missjunarju bħala l-uniku mudell ta' ħajjitha.

➢ Meta l-Knisja tingħalaq fis-sagristija fejn ma tasalx il-karba tal-foqra, agħtiha l-kuraġġ biex toħroġ fil-beraħ.

➢ Meta l-Knisja titlef mill-ħeġġa tagħha, u tibda tidher magħluqa fiha nfisha, aqlagħha Int biex tqum fuq tagħha u tkun Knisja ħajja.

➢ Il-Mulej bagħat lill-Knisja biex issalva d-dinja kollha. Onfoħ fuqha nifs ġdid ta' ħajja biex tibqa miexja 'l quddiem u ma tiqafx.

## O Marija:

- Il-Knisja hija pellegrina bħalek.

Nissel fiha mħabba kbira lejn il-bniedem.

- Il-Knisja hija Omm fit-tqala bħalek.
Uriha kemm hawn tbatija mferrxa mad-dinja kollha.
- Il-Knisja hija itineranti bħalek.
Kif int ħriġt iddur mat-toroq ta' Ġerusalemm, agħmel li l-Knisja, bħalek toħroġ mal-erbat irjieħ tad-dinja.
- Kif int ippreżentajt lil Ġesu` lir-Rgħajja, lill-Profeta Xmuni, lis-Slaten Maġi u tant nies oħra li kienu jistennew il-Feddej,
uri lill-Knisja kif m'għandha taħseb f'xejn ħlief li tippreżenta lil Ġesu` fid-dinja.

## IMQADDSA MARIJA, MARA MISSJUNARJA

Nitolbuk għall-missjunarji kollha li msaħħrin minnek u minn Kristu, iż-żewġ Missjunarji Ewlenin, ħallew lill-għeżież tagħhom u telqu lejn artijiet imbiegħda biex iħabbru l-Vanġelu.

- Għinhom f'ħidmithom.
- Ħeġġiġhom fil-mumenti tal-għajja li jiġu fuqhom.
- Ħarishom minn kull periklu.
- Agħtihom is-sens ta' mogħdrija meta jitbaxxew biex idewwu l-ġrieħi tal-foqra.
- Qiegħed fuq xofftejhom kliem ta' paċi.
- Imla l-vojt ta' qalbhom, meta jkunu mdejqa, għax iħossuhom imbiegħda minn pajjiżhom u l-għeżież tagħhom.
- Meta jkollhom aptit jibku, sejħilhom ħa jserrħu rashom fuq l-ispalla tiegħek ta' Omm.

**Agħmilhom messaġġiera tal-ferħ.**

Kull darba li dawn il-missjunarji jerġgħu lura lejn pajjiżhom għal btala, għallimna lkoll nittieħdu mill-entużjażmu tagħhom. Xħin inqabblu lilna nfusna magħhom, agħmel li nintebħu:

- kemm m'aħniex ġenerużi biżżejjed mal-proxxmu tagħna,
- kemm qed niżbaljaw bl-ikrah meta naħlu u niffissaw fuq il-lussu, meta fid-dinja hawn miljuni ta' nies li qed imutu bil-ġuħ;
- agħmel li xħin nittendu kemm bqajna lura fl-appostolat, nagħrfu nikkoreġu rwieħna u nirkupraw dak li tlifna.



## IMQADDSA MARIJA, MARA MISSJUNARJA

Kebbes il-ħajja nisranija tagħna, b'dak iż-żelu li qanqal lilek biex ixxerred id-Dawl fit-toroq tal-Palestina.

- Kif isejħulek is-Santi Padri, int "*Anfora dello Spirito*".
Int "Qolla" imfawra bl-Ispirtu s-Santu.
Itfa' l-Ispirtu tiegħek fil-qalb tagħna, biex il-ħarsa tagħna titwessa' sat-trufijiet l-aktar imbiegħda tad-dinja.
- U avolja aħna marbutin xi ftit jew wisq ma' art twelidna, agħmel li nħossu xejn inqas fuq spallejna r-responsabbilta` ta' tant miljuni ta' nies, li għadhom ma jafux lil Ġesu`.
- Iftħilna għajnejna beraħ biex naraw il-miżerja li teżisti fid-dinja.
- Iftħilna widnejna biex nisimgħu l-krib ta' tant nies imdejqa jew mifluġa bil-mard. ♦

*Ħajr lis-Sur Ġorġ Cassar .*



# Sliem Għalik

*mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi*

## Marija, dawl u sbuħija tas-Sema

### Talba ta' Teodotu, Isqof ta' Ancyra

**(il-Ħames seklu)**

Teodotu kien isqof ta' Ancyra tal-Galazja, li llum tissejjaħ Ankara, il-belt kapitali tat-Turkija. Kien jgħix fl-ewwel nofs tal-ħames seklu u ddefenda bla mistrieħ il-verita\` li Marija hija Omm t'Alla. Ħa sehem fil-Konċilju ta' Efesu tas-sena 431. Huwa kien avversarju qawwi ta' Nestorju li ċaħad il-Maternita\` Divina tal-Madonna. Teodotu żamm ma' San Ċirillu ta' Lixandra u xandar id-duttrina Kattolika li fi Kristu hemm in-natura Divina u n-natura umana fil-persuna waħda ta' l-Iben t'Alla. Fil-Konċilju ta' Efesu Nestorju kien ikkundannat u Teodotu ġie mibgħut mill-isqfijiet tal-Konċilju bħala wieħed mill-membri tad-delegazzjoni li kellha twassal lill-Imperatur Teodosju II id-deċiżjonijiet tal-Konċilju.

Għadhom jeżistu sitt omeliji li huma attribwiti lil Teodotu u li fihom huwa jfaħħar bl-ikbar imħabba u jitlob bil-ħerqa lill-Madonna. Żewġ priedki tiegħu huma dwar il-Milied u priedka oħra dwar il-festa tad-dwal li kienet tiġi ċċelebrata f'ġieħ il-Verġni Marija.

It-talba li ġejja hija meħuda mir-raba' omelija, skond it-test Grieg tal-*Migne* "*Patrologia Greca*", vol. 77, 1393.

***Dawl u sbuħija tas-sema,***
***imdawlin mill-kelmiet***
***ta' Gabriel li niżel mis-sema***
***ħallina ngħidulek:***
***"Sliem għalik, mimlija bil-grazzja.***
***Il-Mulej miegħek".***
***Mill-ġdid intennu miegħu:***
***"Sliem għalik, ferħ tagħna wisq mixtieq!***
***Sliem għalik, għaxqa tal-Knisja!***
***Sliem għalik, isem kollu fwieħa!***
***Sliem għalik, wiċċ imdawwal b'raġġ t'Alla,***
***li jirrifletti sbuħija ta' l-għaġeb.***
***Sliem għalik, tifkira, li tistħoqqilha qima.***
***Sliem għalik, libsa spiritwali li tati s-saħħa.***
***Sliem għalik, Omm risplendenti***
***bħad-dawl taż-żerniq.***
***Sliem għalik, Omm bla tebgħa***
***u kollok qdusija.***
***Sliem għalik, għajn li tnixxi ilma ħaj.***
***Sliem għalik, Omm Ġdida,***
***li fih issawret it-Tarbija Divina.***
***Sliem għalik, Omm,***
***li bik seħħu l-mirakli u l-misteru.***
***Sliem għalik, vażett ta' l-alabastru***
***mimli b'ingwent ikkonsagrat.***
***Sliem għalik, Int ġieħ tal-verġinita\`.***
***Sliem għalik, għamara umli, li lqajt fik***
***lil Dak li d-dinja kollha ma tesgħux.***

Bi kliem poetiku u kollu mħeġġeġ, l-awtur ta' din it-talba jtenni t-tislima li biha l-arkanġlu Gabrijel sellem lil Marija meta dehrilha fid-dar tagħha ta' Nażaret. Fost it-tifħir li jagħti lil Marija, Teodotu jeżalta l-Maternita\` Divina, il-Verġinita\` u l-qdusija straordinarja tagħha, li l-Knisja temmen u tistqarr matul is-sekli kollha.

Il-virtujiet ta' Marija, fosthom is-safa u l-umilta\`, huma bħal dawl, fwieħa u sbuħija spiritwali li bihom jistagħġbu l-bnedmin u li jħajruhom ukoll għall-imitazzjoni ta' l-Imqaddsa Omm tagħhom.♦

# Mill-Ħajja tas-Santwarju




miġbura minn
Ivan Attard

## ĠUNJU 2008

*L-Erbgħa, 4:* Ingħata bidu għal Simposju Marjan fl-okkażjoni tal-125 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu. Dan is-Simposju li baqa' sejjer sal-Ħadd 8 ta' Ġunju kien organizzat mill-Fakultà Pontifiċja Teoloġika *Marianum* ta' Ruma. Il-laqgħat b'temi Marjani saru fis-Sala tas-Santwarju. Matul il-jiem tas-Simposju, saret wirja ta' ikoni Marjani fl-istess sala. F'dan il-jum, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech inawgura u fetaħ mill-ġdid il-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu wara xogħol intensiv ta' restawr li sar fiha.

*Il-Ġimgħa, 6:* Saret Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla f'għeluq il-ħames anniversarju miż-Żwieġ ta' Pauline u Mario Cassar.

*It-Tlieta, 10:* Beda jitqiegħed fil-post l-Orgni l-ġdid tad-ditta *Johannus-Monarke* li nġab fis-Santwarju bħala wieħed mill-opri l-ġodda ta' din is-sena speċjali. Ix-xogħol sar taħt is-superviżjoni tas-Sur Robert Buhagiar.

*Il-Ħadd, 15:* Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija liċ-ċkejkna Adriana, bint Paolo Adriano Sileca, Brażiljan u Adelaide Sammut Galea, Maltija. Il-Magħmudija tmexxiet minn Mons. José Agius, missjunarju fil-Brażil.

*It-Tnejn, 16:* F'dan il-jum fakkarna lil Karmni Grima u Franġisku Portelli, iż-żewġ persuni li semgħu leħen il-Madonna Ta' Pinu mill-kwadru tagħha. Filgħaxija saret Ċelebrazzjoni Ewkaristika li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.

*It-Tlieta, 17:* Saret Quddiesa ta' ringrazzjament u radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni ta' l-anniversarju taż-Żwieġ ta' koppja min-Nadur. Iċċelebra Dun Joseph Grech. F'din il-ġurnata tfakkar Mons. Ġużepp Portelli, ir-rettur li bena s-Santwarju ta' Pinu. Filgħaxija saret

Ċelebrazzjoni Ewkaristika mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritu tad-Djoċesi tagħna. Wara, sar diskors minn Mons. Joseph Bezzina dwar il-ħajja ta' Mons. Portelli u tbierek il-qabar tiegħu fis-Santwarju.

***L-Erbgħa, 18:*** F'din il-ġurnata poġġejna l-familji Maltin u Għawdxin taħt il-ħarsien tal-Madonna Ta' Pinu. Filgħaxija saret Quddiesa solenni li tmexxiet minn Dun Edward Vella, li fiha saret talba ta' affidament tal-familji lill-Madonna Ta' Pinu.

***Il-Ħamis, 19:*** Fil-programm tal-festi speċjali li jfakkru l-125 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna, dan il-jum kien iddedikat għall-kultura. Filgħaxija sar Kunċert grandjuż fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni ta' l-Orgni l-ġdid tas-Santwarju. F'dan il-Kunċert ipparteċipaw Mro Dr Hugo Agius Muscat, l-organista tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann; is-Sur Robert Buhagiar, aġent ta' l-orgni; u s-sopran Għawdxija Dorienne Portelli. Fil-Kunċert indaqqu bosta biċċiet mużikali ta' klassi fosthom it-tislima lill-Madonna, l-*Ave Maria*, ta' Giulio Caccini. Dritt wara sar il-ftuħ tas-sala bl-opri tal-pittur Malti Emvin Cremona li ġew irrestawrati mis-Sur Godwin Cutajar fuq *sponsor* tal-*Bank of Valletta*.

***Il-Ġimgħa, 20:*** F'dan il-jum fakkarna b'mod solenni t-73 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tax-xbieha mirakoluża tal-Madonna Ta' Pinu mill-Kardinal Lepicier, Legat tal-Q.T. il-Papa. Filgħaxija saret Konċelebrazzjoni Solenni li tmexxiet minn Mons. Giovanni Bosco Gauci, Vigarju Ġenerali, flimkien mal-membri tal-Kapitlu tal-Knisja Katidrali. Wara, ngħadet it-talba tar-Rużarju mqaddes li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien ma' Patri Charles Fenech OP, direttur ta' *Radju Marija*.

***Is-Sibt, 21:*** Lejlet is-Solennita` ta' l-Anniversarju tas-Sejħa. Filgħaxija saret it-Translazzjoni tar-Relikwa u Konċelebrazzjoni Solenni bl-għasar integrat bis-sehem tal-Kapitli Kolleġġjali ta' l-Għarb, in-Nadur, ix-Xagħra u San Ġorġ. Għall-ħabta tat-8.30pm saret velja solenni ta' talb li bdiet minn quddiem ir-residenza privata ta' Karmni Grima u mixja bil-*flambaux* qalb l-għelieqi li minnhom kienet tgħaddi Karmni sabiex tmur fil-Kappella tal-Madonna. Kien hawn attendenza numeruża. Il-velja tkompliet fis-Santwarju Nazzjonali b'mumenti ta' talb fis-skiet.

***Il-Ħadd, 22:*** B'digriet tal-Konferenza Episkopali Maltija, f'din il-ġurnata għażiża, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta u d-Djoċesi ta' Għawdex, ġiet iċċelebrata s-Solennita` tal-125 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Karmni Grima u Franġisk Portelli. Fl-10.10am, il-ħin tas-Sejħa, saret it-talba tas-Supplika lill-Madonna Ta' Pinu. Fl-10.30am sar Pontifikal Solenni li tmexxa mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien ma' delegazzjoni mill-Kapitlu Katidrali u numru kbir ta' saċerdoti mid-Djoċesi ta' Għawdex. Il-Pontifikal għalaq bil-kant tat-*Te Deum* u kien animat mill-Kor *Schola Cantorum Jubilate.* Filgħaxija sar il-Pellegrinaġġ Nazzjonali li tmexxa mill-E.T. Mons. Pawlu Cremona OP, Arċisqof ta' Malta, u Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex. Dan il-pellegrinaġġ ġie fi tmiemu permezz ta' Pontifikal Solenni fil-misraħ ta' quddiem is-Santwarju li kien ippresedut mill-Arċisqof ta' Malta flimkien man-Nunzju Appostoliku, l-Isqof t'Għawdex, l-Isqfijiet Maltin u numru sabiħ ta' saċerdoti u reliġjużi miż-żewġ djoċesijiet (ta' Malta u Għawdex). Iċ-ċelebrazzjoni kienet animata mill-kor *Stella Maris* taħt id-direzzjoni ta' Mro Carmel P. Grech.

***Għal aktar tagħrif u ritratti dwar dawn il-festi speċjali ta' Ġunju 2008, ara l-ħarġa speċjali ta' din ir-rivista li ġiet ippubblikata fix-xhur li għaddew. Grazzi.***

*(ikompli f'paġna 32)*




# Għaliex qed tonġor il-ġebel, ħabib!

Kitba ta' Dun Mikiel Galea
Illustrazzjonijiet ta' Christine Renée Simoncic

*Mela fil-belt ta' Chants fi Franza kienu qegħdin jibnu katidral kbir li għadu hemm sal-lum. F'dan il-post magħżul, minn filgħodu sa filgħaxija, kien hemm ħafna naġġara jonġru l-ġebel.*





*Jgħidu li wieħed kardinal mar fuq naġġar minnhom u staqsieh: "Ħabib, x'int tagħmel hawn?" Dak irrispondieh: "Qed nonġor il-ġebel! M'intix tarani kif jien għarqan xraba?"*

*Il-kardinal mar fuq naġġar ieħor u staqsieh l-istess mistoqsija: "X'int tagħmel hawn ħabib?" Dak wieġbu: "Għandi familja kbira u minn filgħodu sa filgħaxija nitħabat ma' dan il-ġebel biex naqla' x'niekol u biex ngħajjex il-familja..."*



***Fl-aħħarnett il-kardinal mar fuq it-tielet naġġar u staqsieh: "Ħabib, x' int tagħmel hawn?"***





***Dak wieġbu: "Eminenza, qed nibni Katidral fejn int tkun tista' tiċċelebra l-liturġija tiegħek u aħna flimkien miegħek infaħħru lil Alla li tana s-saħħa naħdmu u qed jipprovdilna".***

***Bla dubju ta' xejn, it-tliet tweġibiet huma tajbin, imma kull ma jmur, waħda togħla fuq l-oħra f'dak li hu livell ta' intenzjoni: wieħed sempliċiment qed jonġor il-ġebel, l-ieħor qed jgħix hu u jgħajjex il-familja, l-ieħor qed jibni Katidral fejn flimkien ma' ħutu l-insara jkun jista' jfaħħar lil Alla.***





***Is-Santwarju Ta' Pinu, li nbena kważi mitt sena ilu huwa post għażiż li fih nies mid-dinja kollha, int u jien nistgħu niġu niltaqgħu mal-Madonna li twassalna fi ħdan Ġesu`. Min jaf x'kellhom f'moħħom in-naġġara li kienu qegħdin jonġru l-ġebel dak in-nhar? Naħseb f'moħħom kellhom il-qima l-adorazzjoni lejn Alla u l-qima lejn il-Madonnna... U naħseb kemm Alla u kemm il-Madonna, it-tnejn kienu jafuhulhom. Min jaf kemm grazzji qalgħu minn din id-daqsxejn ta' knisja...***

*(ikompli minn paġna 29)*

***Is-Sibt, 28:*** F'dan il-jum ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lil tliet trabi. It-tarbija Coel Azzopardi, iben Claudette Azzopardi, ġiet mgħammda fis-Santwarju permezz ta' Quddiesa li tmexxiet mill-Kan. Reuben Micallef, arċipriet tal-parroċċa taż-Żebbuġ. Dun Ġużepp Cini (mix-Xagħra) amministra s-sagrament tal-Magħmudija lil Kyle Saliba, iben Christopher u Marlene Saliba. Ġie ċċelebrat is-sagrament tal-Magħmudija ta' Neil Gauci, iben Josef u Chantelle Farrugia, mis-saċerdot Dun Michael Curmi mgħejjun mid-djaknu Dun Joseph Curmi.

*Pellegrinaġġi:*

***It-Tlieta, 3:*** Grupp ta' nisa li jattendu l-*Ladies Craft Circle* tal-parroċċa tal-Mellieħa żaru s-Santwarju. Huma kienu mmexxija mis-Sinjura Anna Bonello.

***L-Erbgħa, 4:*** Sar pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' Marija Assunta (Żebbuġ, Għawdex) fl-okkażjoni tal-ħames Erbgħa bi tħejjija għas-Solennità tal-15 t'Awwissu. Il-pellegrinaġġ telaq minn ħdejn is-siġra ta' l-awrikarja fid-daħla ta' l-Għarb u ntemm b'quddiesa fis-Santwarju li tmexxiet mill-Kan. Reuben Micallef, arċipriet tal-parroċċa. Waqt il-Quddiesa huwa niseġ ħsieb Marjan dwar *Il-Verġni Marija, dixxiplu tal-Mulej.*

***Il-Ħadd, 8:*** Pellegrinaġġ lejn is-Santwarju mill-parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Ħal-Qormi (Malta). Mexxa s-Sur Carmel Bianchi.

***It-Tnejn, 9:*** Saret żjara fis-Santwarju mill-komunità tal-patrijiet Franġiskani Kapuċċini tal-Kalkara.

***It-Tlieta, 10:*** F'dan il-jum saru numru ta' pellegrinaġġi lejn is-Santwarju. Kellna pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' Santa Katerina taż-Żurrieq (Malta). It-Terzjarji Karmelitani tal-Fgura għamlu żjara fis-Santwarju. Pellegrinaġġ ieħor kien dak ta' madwar ħamsin persuna anzjana li jattendu ċ-ċentru tagħhom f'Santa Venera.

***L-Erbgħa, 11:*** Ġie organizzat pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' San Girgor il-Kbir, Ta' Kerċem. Il-pellegrinaġġ intemm b'Quddiesa fis-Santwarju li kienet immexxija minn Dun Roberto Gauci, Vigarju Parrokkjali ta' l-istess parroċċa. Waqt il-Quddiesa huwa għamel ħsieb dwar it-tema magħżula għal dan is-sitt Erbgħa ta' Santa Marija: *Il-Verġni Marija, Omm ir-Rikonċiljazzjoni.*

***Il-Ħamis, 12:*** Grupp ta' anzjani u devoti mill-parroċċa ta' Stella Maris (Tas-Sliema, Malta) żaru s Santwarju tal Madonna. Il grupp kien fih madwar 55 persuna.

***It-Tlieta, 17:*** Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Sant'Andrija (Ħal-Luqa) fl-okkażjoni ta' l-34 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tal-kappillan il-W.R. Dun Karm Camilleri u sħabu s-saċerdoti li ġew ordnati miegħu nhar it-22 ta' Ġunju 1974.

***L-Erbgħa, 18:*** F'din il-ġurnata saru numru ta' pellegrinaġġi lejn is-Santwarju tal-Madonna. Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-patrijiet Agostinjani fl-okkażjoni ta' l-irtir annwali tagħhom li sar fil-kunvent ta' Santu Wistin fil-Belt Victoria. Il-grupp kien jikkonsisti f'sittax-il reliġjuż Agostinjan. Saret ukoll laqgħa u Quddiesa mit-Terzjarji Karmelitani tal-fergħa Ta' Kerċem. Dawn kienu mmexxija mis-sorijiet Karmelitani u d-direttur lokali. Filgħaxija sar il-pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Munxar, fl-okkażjoni tas-seba' Erbgħa ta' Santa Marija. Iċċelebra l-Ewkaristija fis-Santwarju l-W.R. Kan. Tonio Galea, kappillan. Il-ħsieb kien marbut mat-tema *Il-Verġni Marija, Għajn ta'Dawl u Ħajja.*

***Is-Sibt, 21:*** Sar pellegrinaġġ ta' reliġjużi nisa minn Malta. F'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu huma ġeddew il-wegħdiet tal-ħajja reliġjuża. Fl-istess jum grupp ta' ħamsin persuna li jattendu ċ-ċentru tal-Partit Laburista tal-Mellieħa żaru s-Santwarju.

*It-Tlieta, 24:* Grupp ta' anzjani mill-parroċċa tal-Katidral żaru s-Santwarju. Huma kienu akkumpanjati mill-arċipriet Mons. Ġużeppi Attard.

*L-Erbgħa, 25:* Sar pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem, fl-okkażjoni tat-tmien Erbgħa bi tħejjija għas-Solennita` ta' l-Għid ta' l-Assunta. Il-Quddiesa fi tmiem il-pellegrinaġġ tmexxiet mill-arċipriet il-Kan. Frankie Bajada u fiha għamel ħsieb dwar *Il-Verġni Marija, Sultana ta' l-Appostli.*

*Il-Ħamis, 26:* Pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' Santa Venera, Malta. Mexxa Patri Raymond Calleja OCarm, pirjol. Pellegrinaġġ ieħor sar mill-parroċċa ta' San Franġisk fl-Għoti tal-Pjagi (Qawra, Malta) u tmexxa minn Patri Ġorġ Buttigieg OFMConv. Kellna żjara fis-Santwarju minn grupp ta' Sliemiżi organizzata mill-Kunsill Lokali. Iż-żjara ntemmet b'Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu.

*Il-Ġimgħa, 27:* Saret żjara devozzjonali fis-Santwarju minn tliet saċerdoti Maltin: Dun Reuben Deguara, Dun Noel Vella u Dun Ivan Scicluna. Dawn iċċelebraw Quddiesa b'radd il-ħajr lil Alla għad-don tas-Saċerdozju.

## LULJU 2008

*Is-Sibt, 5:* Ġiet iċċelebrata l-Magħmudija tat-tarbija Hannah Portelli. Amministra s-Sagrament, il-W.R. Kan. Tonio Galea, kappillan tal-parroċċa tal-Munxar.

*Is-Sibt, 12:* F'għeluq l-għaxar sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu li kienet saret fil-Bażilika Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, Patri Anton Farrugia OFM iċċelebra Quddiesa Solenni ta' radd il-ħajr lil Alla. Flimkien miegħu kkonċelebraw Patri Charles Grech OFM u Patri Joseph Magro OFM f'għeluq is-sitt sena mill-ordinazzjoni presbiterali tagħhom li kienet saret fil-Kolleġġjata-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur, u Patri Albert Micallef OFM, sehibhom fil-komunità tal-patrijiet Franġiskani Minuri.

*Il-Ħadd, 13:* Saret il-Magħmudija ta' Jodie, bint Domenic u Liliana Camilleri.

*Is-Sibt, 19:* Saret Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla għad-don taż-Żwieġ Nisrani meta ġie ċċelebrat l-anniversarju tat-tieġ tal-koppja Maltija Ian u Maria Psaila. Iċċelebra l-Ewkaristija Patri Charles Borg OP. Fl-istess ġurnata Dun Glenn Buhagiar u Dun Eucaristico Zammit, żewġ saċerdoti novelli mill-Arċidjoċesi ta' Malta, ikkonċelebraw Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu b'radd il-ħajr lil Alla għad-don tas-saċerdozju ministerjali.

*It-Tlieta, 29:* Saret Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju miż-Żwieġ tal-koppja Gianni u Lara Xerri.

*Pellegrinaġġi:*

*It-Tlieta, 1:* Il-komunità tal-Knisja ta' l-Erwieħ ta' Ħal-Tarxien (Malta) żaret is-Santwarju Nazzjonali u f'riġlejn il-Madonna, iċċelebraw l-Ewkaristija. Qaddes Dun Jesmond Manicaro.

*L-Erbgħa, 2:* F'dan il-jum saru żewġ pellegrinaġġi. Membri mill-Kumitat tal-Festa ta' Santa Marija ta' Ħ'Attard (Malta) żaru s-Santwarju. Huma kellhom Quddiesa ċċelebrata mill-Kappillan, Dun Noel Vassallo. Filgħaxija sar il-pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana, fl-okkażjoni tad-disa' Erbgħa bi tħejjija għall-Għid ta' l-Assunta. Il-pellegrinaġġ telaq minn ħdejn is-siġra awrikarja fid-daħla ta' l-Għarb u ntemm b'Quddiesa fis-Santwarju ċċelebrata minn Dun Alex Refalo, amministratur parrokkjali ta' l-istess parroċċa. Il-ħsieb ta' l-omelija kien *L-Isem Imqaddes ta' Marija.*

*Il-Ħamis, 3:* Sar pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' Marija Reġina, il-Marsa. Il-pellegrinaġġ tmexxa mill-kappillan, Patri Paul Bugeja OFMCap.

*Il-Ġimgħa, 4:* Numru sabiħ ta' anzjani mill-parroċċa ta' Marija Immakulata (Cospicua) żaru s-Santwarju. Huma kienu mmexxija mill-Kan. Ġużepp Zammit, Primiċerju tal-Kapitlu Kolleġġjali ta' Bormla.

*Is-Sibt, 5:* Numru ta' membri li jattendu l-Fergħa Ewkaristika għamlu pellegrinaġġ lejn is-Santwarju. Ġiet iċċelebrata Quddiesa għalihom minn Dun John Muscat.

*It-Tnejn, 7:* Grupp ta' studenti Maltin, immexxija minn Dun Vincent Magri, għamlu żjara lis-Santwarju u talbu lill-Madonna Ta' Pinu.

*It-Tlieta, 8:* Saret żjara lis-Santwarju mill-grupp ta' l-abbatini l-kbar li jservu l-altar fil-parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Ħal-Qormi.

*L-Erbgħa, 9:* Dan il-jum ra tliet pellegrinaġġi lejn is-Santwarju-Bażilika Ta' Pinu. It-Terzjarji Karmelitani ta' Birkirkara għamlu żjara lis-Santwarju. Sar pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija f'Burmarrad. Il-pellegrinaġġ tmexxa minn Patri Donald Bellizzi OFMConv, kappillan. Filgħaxija sar il-pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' San Ġorġ Martri (Victoria) fl-okkażjoni ta' l-għaxar Erbgħa bi tħejjija għall-festa ta' Santa Marija. Iċċelebra l-Ewkaristija, l-arċipriet Mons. Pawlu Cardona u l-ħsieb ta' l-omelija kien: *Il-Verġni Marija, Qaddejja tal-Mulej.*

*Il-Ħamis, 10:* F'din il-ġurnata saru numru sabiħ ta' pellegrinaġġi minn Malta. L-abbatini tal-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, Birkirkara, għamlu żjara lis-Santwarju tal-Madonna. Il-*Piccolo Clero* tal-parroċċa ta' Marija Assunta (il-Mosta) għamlu wkoll iż-żjara tagħhom fis-Santwarju fejn talbu għal aktar vokazzjonijiet saċerdotali. Grupp sabiħ ta' nies immexxi minn Sr Pawlina Farrugia (mill-Mellieħa) ġew fis-Santwarju u flimkien qasmu l-Ewkaristija li tmexxiet mill-Kan. Mikiel Borg. Grupp ieħor mill-parroċċa ta' Marija Annunzjata, Ħal-Tarxien, għamlu pellegrinaġġ lejn is-Santwarju waqt il-mawra tagħhom fil-Gżira tat-Tliet Għoljiet. Huma kienu mmexxija mill-kappillan il-W.R. Dun Reuben Deguara.

*Il-Ġimgħa, 11:* Saret żjara fis-Santwarju minn grupp ta' żgħażagħ minn Ħaż-Żebbuġ li kienu mmexxija mill-viċi parroku Dun Dunstan Xuereb.

*It-Tlieta, 15:* F'dan il-jum żewġ gruppi li jattendu l-Azzjoni Kattolika għamlu żjara lill-Madonna Ta' Pinu. Iż-żewġ gruppi kienu ġejjin mill-parroċċi tal-Fgura u taż-Żejtun rispettivament.

*L-Erbgħa, 16:* Sar il-pellegrinaġġ parrokkjali mill-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur, fl-okkażjoni tal-ħdax-il Erbgħa bi tħejjija għas-Solennita` ta' Santa Marija. Il-pellegrinaġġ intemm b'Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu li tmexxiet mill-arċipriet tal-parroċċa, Mons. Salvatore Muscat. It-tema magħżula kienet: *Il-Verġni Marija, Tempju tal-Mulej.*

*It-Tlieta, 22:* Sar pellegrinaġġ mill-membri tat-Terz'Ordni Sekulari tal-Fgura. Iċċelebra l-Ewkaristija Patri Richard Falzon OCarm. Fl-istess ġurnata, Dun Ewkaristiku Zammit, saċerdot novell, żar lill-Madonna Ta' Pinu li f'idejha huwa jkompli jafda s-saċerdozju tiegħu. Huwa kien akkumpanjat mill-grupp ta' l-abbatini tal-parroċċa ta' Marija Assunta, Ħal-Għaxaq, flimkien mal-ġenituri tagħhom.

*L-Erbgħa, 23:* Kellna numru sabiħ ta' pellegrinaġġi f'dan il-jum għażiż tat-tnax-il Erbgħa ta' Santa Marija. Saret żjara fis-Santwarju minn grupp ta' Taljani li huma membri tal-konfraternitajiet tal-Madonna tar-Rużarju u tas-Santissmu Sagrament. Huma kienu

mmexxija mill-kappillan tal-parroċċa tagħhom, Don Alessandro Kamerer. Fl-istess jum, grupp mill-parroċċa ta' Ħal-Għaxaq li jattendu l-laqgħat tal-grupp *Oasi ta' Spiritwalità* għamlu ż-żjara tagħhom fis-Santwarju. Huma kienu mmexxija mill-Kappillan, il-W.R. Dun Mario Said. Tard wara nofsinhar sar il-pellegrinaġġ parrokkjali mill-Parroċċa ta' Kristu fl-Ewkaristija, l-Għasri, bi tħejjija għas Solennita` tal-15 t'Awwissu. Il-pellegrinaġġ telaq minn ħdejn is-siġra awrikarja ta' l-Għarb u ntemm b'Quddiesa fis-Santwarju li tmexxiet mill-kappillan, il-Kan. Edward Xuereb. L-omelija saret mill-Kappillan u kienet marbuta mat-tema magħżula: *Il-Verġni Marija, Xbieha u Omm il-Knisja.*

***Il-Ħamis, 24:*** Saret żjara lis-Santwarju mill-membri ta' l-Ordni Franġiskan Sekular tal-Kalkara. Grupp mill-parroċċa tal-Qawra ġie jrodd ħajr lill-Madonna Ta' Pinu.

***L-Erbgħa, 30:*** It-tlettax-il Erbgħa ta' l-Assunta. Sar pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' San Ġwann l-Għammiedi, ix-Xewkija. Il-pellegrinaġġ telaq għall-ħabta tal-5pm minn ħdejn is-siġra awrikarja fid-daħla ta' l-Għarb u ntemm fis-Santwarju tal-Madonna b'Konċelebrazzjoni mmexxija mill-arċipriet tal-parroċċa, Mons. Carmelo Mercieca, bis-sehem tal-kor parrokkjali *Vox Clamantis*. L-omelija saret minn Mons. Arċipriet u kienet tittratta s-suġġett *Il-Verġni Marija, Saħħa tal-Morda.*

***Il-Ħamis, 31:*** Sar pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' Santa Venera, Malta. Fl-istess ġurnata, grupp ta' żgħażagħ u ġenituri mill parroċċa tal Madonna tal-Karmnu, il-Balluta, Malta, taħt id-direzzjoni tal-kappillan Patri Maurice Abela OCarm, għamlu żjara lis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.

## AWWISSU 2008

***Il-Ħamis, 14:*** Lejlet is-Solennita` tat-Tlugħ ta' l-Imqaddsa Verġni Marija fis-Sema. Filgħaxija, għall-ħabta tat-8.30pm, ingħata bidu għall-Velja Annwali ta' l-Għid ta' l-Assunta fil-Pjazza ta' quddiem is-Santwarju. Għal sena oħra din il-velja ġibdet lejha mijiet ta' nies biex flimkien ifaħħru, jitolbu u jirringrazzjaw lil Ommna tas-Sema. Ingħata messaġġ mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.

***Il-Ġimgħa, 15:*** Solennita` ta' l-Għid ta' l-Assunta, titular tas-Santwarju Nazzjonali. Minħabba li din hija festa kmandata, l-orarju tal-Quddies li kien iċċelebrat fis-Santwarju kien bħal



tal-Ħdud. Fit-8.30am saret Konċelebrazzjoni tal-festa mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritu tad-Djoċesi tagħna, li fiha għamel messaġġ marbut mal-Misteru ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Marija. Anima din il-Quddiesa l-kor *Nativitas* tas-Soċjetà Filarmonika *Victory* tax-Xagħra, li kien taħt id-direzzjoni tas-Sinjura Silvana Agius u l-organista Ivan Attard.

***Il-Ġimgħa, 22:*** Dun Eddie Mercieca SJ iċċelebra Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu b'ringrazzjament lill-Mulej u b'imħabba lejn Ommu u Ommna Marija Santissma.

*Pellegrinaġġi:*

***Il-Ġimgħa, 1:*** Grupp ta' tletin anzjan minn Malta għamlu żjara lis-Santwarju.

***Is-Sibt, 2:*** L-Għaqda *Madonna Addolorata* tal-parroċċa tal-Fgura ġiet fis-Santwarju sabiex tirringrazzja lill-Madonna ta' l-għajnuna kontinwa tagħha. Iċċelebra Quddiesa Dun Hermann Duncan, Karmelitan.

Fl-istess jum, saret żjara lis-Santwarju minn membri tal-Moviment *Pro Sanctitate* u l-kor ta' San Franġisk ta' waħda mill-parroċċi tad-Djoċesi tal-Latvja.

**It-Tnejn, 4:** Sar pellegrinaġġ li fih ħa sehem il-kleru tal-parroċċa ta' San Ġużepp, l-Imsida (Malta). Fis-Santwarju tqaddset Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-kappillan, Dun Emmanuel Camilleri.

**L-Erbgħa, 6:** Festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej u l-erbatax-il Erbgħa bi tħejjija għall-Għid ta' l-Assunta. Filgħodu sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju mill-grupp ta' l-abbatini li jservu fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Karmnu, il-Fgura. Dan il-pellegrinaġġ kien immexxi minn Dun Herman Duncan, Karmelitan.

Filgħaxija, b'rabta ma' l-Erbgħat ta' Santa Marija, sar pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' Marija Bambina tax-Xagħra. Il-pellegrinaġġ telaq minn ħdejn is-siġra awrikarja fid-daħla ta' l-Għarb u ntemm b'Konċelebrazzjoni Solenni fis-Santwarju tal-Madonna li tmexxiet mill-W.R. Mons. Ewkaristiku Sultana, arċipriet Emeritu u Dekan tal-Kapitlu Kolleġġjali, fl-assenza ta' l-arċipriet attwali Mons. Carmelo Refalo li kien jinsab f'Lourdes flimkien ma' grupp ta' pellegrini Xagħrin fl-okkażjoni tal-150 anniversarju mid-dehriet tal-Madonna f'dan il-post fi Franza. It-tema magħżula għal dan l-Erbgħa kienet *Il-Verġni Marija, Sultana tal-Paċi.*

***Il-Ħadd, 10:*** Sar pellegrinaġġ minn grupp ta' Maltin li kien immexxi mis-saċerdot Eġizzjan, Patri Jouannes.

***It-Tnejn, 11:*** Sar pellegrinaġġ minn grupp ta' parruċċani mill-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem. Iċċelebra l-Ewkaristija l-arċipriet il-Kan. Frankie Bajada.

***L-Erbgħa, 13:*** Is-Santwarju kellu żjara importanti. Ġie jżurna Mons. Blaise Zubuor, il-Prefett tal-Kongregazzjoni ta' l-Evanġelizzazzjoni tal-Popli, fil-Belt tal-Vatikan, Ruma. Dan is-saċerdot jaħdem fil-qrib mal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI.

Filgħaxija, fl-okkażjoni tal-ħmistax u l-aħħar Erbgħa bi tħejjija għall-Għid ta' l-Assunta, sar l aħħar pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' San Ġużepp, il-Qala. Il-pellegrinaġġ telaq minn ħdejn is-siġra ta' l-Għarb u ntemm b'Konċelebrazzjoni fis-Santwarju mmexxija mill-arċipriet il-Kan. Joe Zammit. Is-suġġett magħżul li fuqu l-Kan. Zammit bena l-ħsieb ta' l-omelija tiegħu kien *Il-Verġni Marija, Bieb tas-Sema.*" Ta' min jgħid li din is-sena l-Erbgħat tal-Madonna ħadu sura differenti fl-okkażjoni tal-125 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Carmela Grima u Franġisk Portelli (22 Ġunju 1883 – 22 Ġunju 2008).

*(ikompli f'paġna 40)*




# L-Għanja tal-Qaddejja
## (It-3 Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring, maqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

### "Int sa tnissel fil-ġuf u jkollok iben, u ssemmih Ġesù"

Ir-rivelazzjoni hi ċara. Marija ma jistax ikollha dubju li hi s-sinjal imwiegħed, il-verġni li lil Binha ssemmih "Għimmanu-El", "Alla magħna".

Marija, l-iktar umli fost l-umli, l-eqdes fost il-qaddisin kollha, temmen flimkien ma' l-umli tal-kampanja li l-Messija mwiegħed sa jkun il-"Qaddej ta' Alla"; u permezz ta' rivelazzjoni u grazzja speċjali ssir taf il-misteru kbir: Dak li hi sa ssemmi Ġesù ("Alla l-Feddej tagħna") hu Bin l-Ogħla u saltnatu ma jkollhiex tmiem.

Hi l-omm bil-privileġġ li tagħtih ismu, isem li hi tesperjenzah bl-essri tagħha. Bħala omm, hi sa tgħanni t-tifħir tal-Qaddej ta' Alla. Bħala omm sa tiċhu ħsiebu b'imħabba, u bħala dik li temmen sa tadurah.

Marija, l-Eva l-ġdida, bint Sijon, taqsam ma' ġensha t-tifkira kollha gratitudni tal-ħwejjeġ sbieħ kollha li Alla għamel ma' Abraham, Iżakk, Ġakobb, David u nislu kollu. It-tifkira issa ssir ċelebrazzjoni kollha kemm hi ta' gratitudni għal dak kollu li l-Mulej diġà għamel u wiegħed u issa wassal għall-milja tiegħu fl-Iben tagħha, li sa jsaltan fuq dar Ġakobb u jsir il-Feddej u s-Sid tad-dinja kollha. Kull kelma ta' l-anġlu hi mdawla mill-profeziji messjaniċi tat-Testment il-Qadim, u l-ħsieb u l-qalb ta' Marija kienu mimlija b'dawn il-profeziji li min jaf kemm spiss ħasbet fuqhom mal-familja u l-ħbieb tagħha, u waħidha. Il-wegħdiet kienu l-ħin kollu jagħmlu eku f'qalbha.

Issa, bil-grazzja speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu, kull ma seħħ jilħaq il-qofol tiegħu. Isir għaliha, u permezz tagħha, l-għotja ta' Alla nnifsu lill-umanità. Hi tagħti lilha nfisha kollha kemm hi lilu li hu kollu grazzja.

Marija hi bla ħtija. M'għandhiex, kif għandna aħna, il-ħtieġa ta' tisfija kontinwa. Ħajjitha, immarkata mil-liġi ta' l-iżvilupp, hi hekk iktar minn ta' oħrajn. Il-fidi tagħha ssir iżjed u iżjed dawl glorjuż. Fil-ftuħ tagħha għall-messaġġ divin u d-don tagħha nfisha, issir iktar u iktar intensament mimlija bi gratitudni u ferħ. Il-Mulej Alla mexxieha, pass wara pass, għall-waqt li fih tnissel lil Bin l-Ogħla. Il-grazzja tiegħu ħejjietilha qalbha, ruħha, ġisimha, ir-rieda



iddestinata għal imħabba konjugali fis-sens komuni tal-kelma. Ta' l-inqas dan hu li jissuġġerilna t-test sagru. Ma nafux kinitx għamlet vot ta' verġinità, jew kellhiex sempliċiment intuwizzjoni li l-verġinità kellha tkun it-triq li, għaliha, issir is-sinjal u l-wegħda. Imma ħaġa *hi* ċara: Marija hi ftuħ sħiħ għar-rieda ta' Alla. Hi tantiċipa, bil-fidi, it-talba ta' l-Iben: "*Ikun li trid int*". Fid-don sħiħ tagħha nfisha tara ċar, bil-ħsieb u bil-fidi, li hi, f'sens sħiħ u permanenti, il-verġni li ssemmi lil Binha, Ġesù (Alla l-Feddej tagħna), u Għimmanu-El (Alla magħna).

u l-emozzjonijiet tagħha. Il-fidi tagħha hi hekk imħejjija li t-tweġiba u l-għotja tagħha nfisha huma l-milja tal-ferħ.

B'differenza minn Żakkarija, Marija m'għandhiex dubji li r-rivelazzjoni sa sseħħ. Imma bl-umiltà titlob u tistaqsi lil Alla jgħarrafha x'sa jkun it-tisħib tagħha f'din il-ġrajja ta' l-għaġeb: "*Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?*" (Lq 1:34). Hi t-talba ta' dik li, bħalna kollha, tgħix bil-fidi, imma fil-milja u b'sinċerità li jagħmlu minnha l-mudell tal-Knisja. Hi tgħallimna kif ma nfittxu xejn iżjed ħlief li nagħrfu u nagħmlu r-rieda ta' Alla.

Marija, għalkemm mgħarrsa lil Ġużeppi, kienet taf fil-fond ta' qalbha li ma kinitx

***Irroddulek ħajr, Alla Missierna,***
***li bl-Iskrittura Mqaddsa***
***u bil-fidi tal-Knisja***
***urejtna li Ġesù,***
***li int tajtulna bħala Ħuna,***
***hu l-Waħdieni li għandu dritt mit-twelid***
***li jsejjaħlek Missier,***
***waqt li ma kellu l-ebda missier fuq l-art.***
***Aħna nfaħħru l-modi sbieħ***
***li bihom int mexxejt lil Marija***
***u ħejjejtha għall-aċċettazzjoni fidila***
***u kollha gratitudni***
***tar-rivelazzjoni tiegħek***
***li hi sa tkun omm u verġni,***
***omm ta' l-Iben il-waħdieni tiegħek.***

***O Marija, verġni u omm,***
***omm l-Iben ta' Alla magħmul bniedem fik***
***u ommna wkoll,***
***itlob għalina biex bħalek***
***infittxu biss ħaġa waħda: ir-rieda ta' Alla;***
***biex infittxuha b'dawk***
***l-umiltà u s-safa tal-qalb***
***li jagħżlu l-fidi tiegħek.***
***Amen.*** ♦




***Amerika:*** Barret Mary, Cauchi Ġużepp, Curmi Toni, Galea Joe, Muscat Familja, Portelli Klementa, Ricco Michael.

***Awstralja:*** Axiaq Mary, Azzopardi Marija, bajoory Hetboola Nazeeha, Bonnici Anna, Borg Rita, Buttigieg Helen, Calleja M., Muscat Rose, Muscat Victor, Portelli Margaret, Sammut Loreta, Vella Joyce, Vella Marija.

***Ewropa:*** Calleja Pat, Fernandez Hilary, Grima Phyllis, Higgins Joseph O'Connell Gareth, Pitcher Sally, Rotata Group, Sultana Mary, Kelly.

***Għawdex:*** Agius Marisa, Attard Nicholas, Azzopardi Marija, Azzopardi Saviour, Brown Josephine, Bugeja Ersilja, Bugeja Mario, Buttigieg Jeanette, Cachia Tonina, Camenzuli Leli, Camilleri Ġużeppa, Camilleri Carmel, Camilleri Doreen, Camilleri Grace, Camilleri Karmena, Camilleri Margaret, Cardona Nazzarena, Cardona Pauline, Caruana Marija, Cassar Ċikku, Cassar Charles, Cauchi Catherine, Cauchi Eugenio, Cauchi Francelle, Cauchi Tony, Cordina Karistu, Cremona Leli, Cutajar Julia, Debono Andrew, Debono Susie, Debrincat Karista, Debrincat Marija, Dimech Katrina, Donghi Valentina, Falzon Stella, Farrugia Ġużepp, Farrugia Antonia, Farrugia Jane, Fenech Marija Goretti, Formosa Ġużepp, Galea Duvina, Galea Marija, Gauci Anġlu, Grech George, Grech Marija, Grech Marlene, Grech Rose, Grima Carmen, Grima Leli, Mercieca Michael, Micallef Lucy, Mifsud Pauline, Mizzi Carmen, Mizzi Doreen, Muscat Familja, Muscat Marija, Muscat Pietra, Portelli Doris, Portelli Emanuel, Portelli Jane, Portelli Maria, Portelli Marija, Portelli Melissa, Portelli Pawla, Portelli Rita, Portelli Sunta, Rapa Karmena, Sacco George, Saliba Żarena, Saliba Lucy,Sciberras Maryanne, Spiteri Mary, Sultana Ġina, Sultana Ġuża, Sultana Anna, Sultana Lisa, Sultana Michael, Sultana Rita, Tabone Anna, Tabone Laura, Tabone Marija, Tabone Rita, Theuma Grezzja, Theuma Peter & Grezzja, Vassallo Benna, Vella Josef, Xerri Carmen, Xerri Marija, Xuereb John, Xuereb Kelinu, Xuereb Lina, Zahra Maria.

***Malta:*** Attard Helen, Azzopardi Anna, Bajjada Tony, Barbara Carmen, Barbara Racheal, Bartolo Familja, Bencini Ray, Bezzina Gaetano, Bianchi Carmel, Bonello Noel, Bonnici Nicholas, Borg Anna, Borg Charles, Borg Doris, Borg Mary, Borg Miriam, Borg Mrs., Borg Pawlu, Borg Rita, Borg Vincent & Louise, Briffa Antonella, Bugeja Carmen, Bugeja Magda, Cachia Peter, Calleja Tereża, Camilleri Carmel, Camilleri Christine, Camilleri Katie, Camilleri Tereża, Camilleri Ursola, Caruana David, Caruana Mary Cassar Kevin, Castania Yvonne, Cauchi Carmela, Cauchi Carmelo, Cauchi Catherine, Cauchi Kevin, Chircop Rina, Ciantar Carmelo, Cilia Fr., Cuschieri Victoria, Cutajar Domnic, Debrincat Raymond, Demicoli Carmen, Difesa Joan, Falzon Marthese, Fanciulli Ronnie, Farrugia Charmaine, Farrugia Margaret, Farrugia Vanessa, Fenech Carmel, Fenech Carmen, Fenech Mrs., Formosa Emma, Galea Helen, Galea Jane, Galea Rita, Gauci Karmnu, Grech Gaetano, Grech Karmena, Grech Marija, Grech Mary, Grech Michael, Grech Rodienne, Mallia Anthony, Mallia Joseph, Magion Edward, Mercieca Charlene, Micallef Doris, Micallef Louis, Micallef Rita, Micallef Therese, Mifsud Angele, Mifsud Rita, Mintoff Martin, Muscat Frances, Muscat Olga, Pace Monica, Puli Mary, Saliba Elizabeth, Sapiano Anthony, Scembri Charles, Sciberras Patrick, Spiteri Anthony, Spiteri Jane, Tanti Familja, Xerri Marija, Young Mary, Zahra Charles, Zammit Jeanette, Zammit Aida, Zammit Briffa Mary Anne, Zarb Patricia, Lilly.



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

**Jannar - Marzu 2008**

***Għawdex:*** Apap Faye, Attard Anthea, Attard Jean Mikel, Attard Nicholas, Attard Yanika, Axiaq Shania, Azzopardi Isaac, Azzopardi Meldon, Azzopardi Yana, Bajada Steve, Bonnici Hayden, Bonnici Marija, Bugeja Danzik, Bugeja Miriam, Buttigieg Jake, Buttigieg Lara, Camilleri Jake, Camilleri Kayanne, Camilleri Nathan, Camilleri Tristan, Cardona Luke, Caruana Nicholas, Cassar Hannah, Cassar Kylie, Cauchi Christian, Debono Shannah, Farrugia Christina, Farrugia Christine, Farrugia Kiera, Farrugia Kristina, Formosa Francesca, Formosa Richard Galea Karol, Galea Mariah Grech Ciabhan, Grech Elena, Grech Stephen, Grech Zack, Grima Ismael, Grima Jeanne, Hili Cristiano, Hili Julian, Lupi Marija, Mercieca Bratley, Mercieca Darlene, Mizzi Joseph, Mizzi Sean, Muscat Francesca, Muscat Mattias Ġorġ, Pace Abigail, Pace Amy, Pace Kimberly, Pace Monique, Portelli Giuseppe, Rapa Miriana, Refalo Marilena, Refalo Simona, Sacco Tatiana, Said Gabriel, Said Julian, Saliba Haley, Schembri Isaac, Sciberras Keith, Scicluna Kate Ann, Spiteri Chelsy, Sultana Kylie, Sultana Marija, Sultana Neil, Sultana Paolo, Tabone Carlos, Vassallo Carina, Vella Elena, Vella Julian, Vella Luke, Vella Matteo, Vella Nathan, Xiberras Jerome, Xiberras Shaun, Xuereb Ema, Xuereb Luke, Xuereb Shania, Zerafa Cleaven.

***Malta:*** Attard Elisa, Azzopardi Keia, Bajada Luke, Borg Elenya, Borg James, Borg Leanne, Borg Nathaniel, Borg Niko, Borg Patricia Lynn, Bugeja Testaferrata Valentina, Busuttil Leah, Camilleri Matthew, Caruana Miguel, Cauchi Jesmar, Chircop Julian, Ciantar Noah, Coppola Kyle, Craig Sophie, De Felice Matthew, Debattista Difesa Kieran, Debono Martina, Degaetano Nicholas, Delia Mattia, Edwards Kai, Falzon Christiano, Falzon Lincoln, Formosa Adam, Gafa' Aurora, Galea Kieran, Gauci Laura, Grech Francesca, Grech Julian, Grech Yhanka, Hendy Kieran,. Livori Sven, Mallia Drenne, Micallef Gabriel, Micallef Matthias, Micallef Matthias, Mifsud Matthias, Mousu Nicholas, Muscat Elisa Andrea, Pace Alexia, Pace Dimitri, Pace Yana, Psaila Jasmine Marie, Pulis Nolean, Sammut Liam, Schembri Jade, Schembri Kyle Christian, Spiteri Cheyenne Spiteri Mattia, Spiteri Maverick Zion Spiteri Mikaya, Sultana Eliza, Xuereb Kurt, Zahra Federica, Zahra Francesco, Zammit Mireille.

---

*(ikompli f'paġna 36)*

***Il-Ħamis, 14:*** Sar pellegrinaġġ minn numru ta' koppji żgħażagħ u persuni li jattendu l-*Għaxaq Folk Ensemble.*

***L-Erbgħa, 20:*** Grupp ta' tfal u żgħażagħ mill-parroċċa ta' San Sebastjan (Ħal-Qormi, Malta) li jattendu *Skola Sajf* għamlu żjara lis-Santwarju.

***Il-Ħamis, 21:*** Sar pellegrinaġġ li fih ħadu sehem 45 ruħ mill-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, ir-Rabat (Malta). Dan sar fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina (Ġunju 2008 – Ġunju 2009). Il-pellegrinaġġ intemm b'Quddiesa li tmexxiet mill-arċipriet il-Kan. Louis Suban.

***It-Tnejn, 25:*** Pellegrinaġġ mill-abbatini li jservu fil-parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Ħal-Qormi.

***It-Tlieta, 26:*** Pellegrinaġġ parrokkjali mill-parroċċa ta' Sant'Andrija, Appostlu, Ħal-Luqa. Sar talb għall-familji tal-parroċċa fi ħdan il-Madonna Ta' Pinu.

***L-Erbgħa, 27:*** Sar pellegrinaġġ minn numru ta' fidili li jiffrekwentaw il-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes fil-Floriana. Il-pellegrinaġġ ġie fi tmiemu b'Quddiesa mmexxija minn Patri Martin Mamo OFM.










# Ġedded l-Abbonament għas-Sena 2009

## fir-Rivista

# Madonna Ta' Pinu

**Rivista Marjana mis-Santwarju Ta' Pinu**

- 4 darbiet fis-sena
- Artikli u tagħlim mill-isbaħ dwar il-Madonna
- Aħbarijiet mis-Santwarju Ta' Pinu
- Stejjer għat-tfal
- Artikli bl-Ingliż

## Abbonament għas-sena 2009

| | |
|---|---|
| Lokali | €6.00 |
| Ewropa | €14.00 |
| Barra mill-Ewropa | €17.00 |
| Sostenitur | Offerta Libera |

# Fl-okkażjoni tal-125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu ħareġ il-ktieb "TA' PINU SHRINE - The Pilgrims Haven"

**miktub mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi bil-lingwa Ingliża**




*Akkwista dan il-ktieb ġdid dwar l-istorja tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu*

168 paġna li jirrakkontaw il-ġrajjiet tas-Santwarju matul dawn il-125 sena.

16-il paġna bil-kulur.

Ritratti li juru l-ġrajjiet ewlenin tas-Santwarju.

Ta' PINU PUBLICATIONS

**Rigal sabiħ lill-familja u lill-emigranti tagħna...**




# KALENDARJU 2009

NEWSPAPER POST